Id-don ta' l-Ispirtu s-Santu huwa d-don personali li kull wieħed u waħda minna rċievejna fil-jum tal-magħmudija u tal-konfermazzjoni, meta l-Ispirtu s-Santu ried jaħdem permezz tagħna. Hemmhekk nistgħu nifhmu. Aħna, nhar il-Ħadd (3 ta' Ġunju) - u qegħdin nippreparaw għaliha - x'se niċċelebraw permezz tal-kanonizzazzjoni tal-Beatu Dun Ġorġ Preca? Se niċċelebraw id-don ta' l-Ispirtu s-Santu li ngħata lill-Knisja permezz tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu li rċieva l-Beatu Dun Ġorġ Preca. Dak id-don setà jkun tagħna lkoll u tal-Knisja, għaliex Dun Ġorġ Preca aċċetta dak id-don u ħaddmu bil-qawwa kollha tiegħu għax ħalla l-Ispirtu s-Santu jaħdem fih.

Nidħlu daqxejn għal xi affarijiet prattiċi żgħar; b'mod speċjali xtaqt neħodhom biex inkunu nistgħu nitolbuhom il-lum u għada. Dak li aħna fil-quddiesa ta' għada, tal-Pentekoste, tal-jum, aħna se nisimgħu fit-tieni lezzjoni, meħuda mill-ittri ta' San Pawl. Ħa nfakkarkom x'jgħid.

L-ewwel waħda: San Pawl jgħid li aħna mhux kapaċi ngħidu, 'Ġesù l-Mulej', jekk mhux imnebbħin mill-Ispirtu. Tgħiduli, ''mhux kulħadd jista' jgħid 'Ġesù l-Mulej''? Anki min ma jemminx jista' jgħidha. Mhux dan qed ifisser San Pawl. Qed ifisser li meta aħna ngħidu 'Ġesù l-Mulej' bid-don ta' l-Ispirtu s-Santu, din tkun laqgħa personali, profonda li tfittxek, li tbiddlek proprju ma' Ġesù l-Mulej.

Nistgħu lkoll nirriflettu fil-kwiet tagħna. Din il-ġimgħa ħarġu ħafna kotba fuq Dun Ġorġ. Naraw ftit għalih x'kien ifisser meta kien jgħid 'Ġesù l-Mulej'. Kemm hu differenti minn meta ngħidu jien, jew meta tgħidu int u nkunu distratti?

## Id-doni tat-talenti

It-tieni ħaġa li jgħid San Pawl hija li l-Ispirtu jagħti d-don lil kull wieħed għall-ġid ta' kulħadd. Ma jgħidx li jagħti d-don, l-Ispirtu lin-nofs u lill-oħrajn ma jgħatihomx. San Pawl qed jgħid li d-don ġie mogħti lil kull wieħed u waħda minna. Allura nagħmlu daqxejn ta' riflessjoni:

għaliex tant hemm doni li mhumiex qed jitħaddmu fil-Knisja? Għaliex hemm tant li jirċievu, lesti li jirċievu, imma d-doni tagħhom iħalluhom għalihom, għadhom mhumiex jagħtu d-doni ta' xulxin?

Meta naraw il-ħajja ta' Dun Ġorġ għandna l-ikbar don, għax dak ta ħajtu kollha. Il-ħajja tiegħu kollha kienet don. Imma aħna għandna d-don tat-talenti, għandna d-don ta' l-imħabba tagħna, għandna d-don tal-ħin tagħna. X'qed iżommna milli nħallu lill-Mulej, permezz ta' l-Ispirtu, iħaddimhom għall-ġid ta' l-oħrajn?

## Ġisem wieħed

L-aħħar riflessjoni: San Pawl jgħid li aħna ġejna mgħammdin fi spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed. Kemm għandna firdiet ħuti f'dan il-ġisem tagħna? Ħa nibda minna stess: kemm għandna firdiet, kultant, fil-presbiterju tagħna? Kemm għandna firdiet, kultant, fil-komunitajiet reliġjużi tagħna? Kemm għandna firdiet fil-parroċċi tagħna? Kemm għandna firdiet fil-movimenti tagħna? U aħna, skond San Pawl, ġejna mgħammdin biex inkunu ġisem wieħed!

Nistgħu, ħuti, f'dak li aħna nagħtu, ġo fina nfusna nżommuh verament fuq biex aħna naħdmu ħalli nkunu verament ġisem wieħed? Ara ftit Dun Ġorġ: Meta ġie biex jimxi f'moħħu kellu l-katekeżi, imma ma qalx biss katekeżi. Dawk li ried li jmorru jwasslu l-katekeżi, ried li jkunu f'komunitajiet, għax hemm verament tkun qed tibni l-ġisem wieħed ta' Sidna Ġesù Kristu.

Aħna, din il-ġimgħa nistgħu ngħixu b'żewġ modi din il-festa kbira li se jkollna. Nistgħu ngħixuha bħall-appostli qabel ma niżel l-Ispirtu s-Santu - nieħdu gost b'Ġesù barra minna, nieħdu gost b'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet barra minna. Tajbin ukoll, imma mhux biżżejjed. Inkella nistgħu dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ngħixuhom kif kienu jgħixuhom l-appostli wara l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu: Ikunu ċelebrazzjonijiet li jbiddlu l-għemil, il-kliem, il-mod kif inħobb, tiegħi personali.

Jalla, bl-interċessjoni tal-Beatu Dun Ġorġ Preca, anki dan il-lejl qaddis, din il-ġurnata qaddisa tkun bidla għal kull wieħed u waħda minna u allura bidla u tiġdid tal-Knisja.

*Birkirkara, is-Sibt, 26 ta' Mejju 2007*

# Ittra Pastorali mill-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P. Arċisqof ta' Malta u mill-E.T. Mons. Mario Grech Isqof ta' Għawdex fl-okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca

Għeżież ħutna u maħbubin uliedna,

Il-Ħadd, 3 ta' Ġunju, il-Papa se jiddikjara lil Dun Ġorġ Preca bħala l-ewwel qaddis kanonizzat Malti. Din hija ġrajja storika li timliena lkoll b'ferħ spiritwali kbir; imma hija wkoll ġrajja li permezz tagħha Alla jixtieq ikellimna bħala l-poplu tiegħu f'dawn il-gżejjer.

## Sejħa għall-Qdusija

Filwaqt li nesprimu s-sentiment tar-radd il-ħajr lil Alla għal din il-grazzja kbira li Hu qed juri magħna li wieħed minn ħutna qed jingħata l-ogħla ġieħ mill-Knisja, irridu fakkru li aħna lkoll irċevejna s-sejħa għall-qdusija u li ġejna maħluqa biex naslu fejn wasal Dun Ġorġ. Fi ħdan il-Knisja tagħna, nixtiequ naraw fuq livell personali, familjari u komunitarju, impenn akbar biex nikbru fil-qdusija. Aktar ma noqorbu lejn Alla aktar noqorbu lejn xulxin! Aktar ma nistinkaw biex ikollna soċjetà qaddisa, aktar ikollna soċjetà umana.

## "Il-Fidi kollox"

F'din l-okkażjoni naraw stedina lilna lkoll biex niskopru mill-ġdid il-fidi tagħna f'Alla, il-Missier ta' Ġesù Kristu. Il-karba ta' Dun Ġorġ li għadha tidwi fil-qlub ta' ħafna li semgħuh f'ħajtu, "Il-fidi kollox, uliedi," tfakkarna li ħajjitna tieħu sens sħiħ jekk nibnuha mill-ġdid fuq il-pedament tal-fidi. Meta nħarsu lejn id-dinja ta' madwarna bl-għajnejn

tal-fidi u ngħixu ħajjitna fid-dawl ta' l-eternità, niskopru li aħna maħluqin minn Alla u qalbna issib il-paċi biss jekk nagħmlu r-rieda tiegħu. Il-fidi vera tħarisna milli nissaħħru wara l-idoli jew l-allat foloz ta' kull żmien, u tgħinna nfittxu li nagħmlu kollox bi skop aħħari wieħed: jiġifieri biex dejjem u f'kollox nogħġbu lis-Sinjur Alla.

## Ħbieb tal-Vanġelu

It-tiġdid tal-fidi jiġi mir-riflessjoni u l-meditazzjoni fuq il-Kelma ta' Alla. F'dan il-mument ta' grazzja għall-poplu tagħna, Dun Ġorġ jerġa' jtennielna l-istedina tiegħu biex ikoll kemm aħna "inkunu ħbieb ta' l-Evanġelu". Din hija stedina biex aktar niddedikaw ħin ħalli naqraw u nisimgħu l-Kelma ta' Alla; ħalli nġibu spiss f'moħħna l-figura tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu f'dak kollu li għamel u għallem; ħalli ngħożżu f'qalbna l-kliem ta' l-Iben ta' Alla magħmul bniedem u nħallu l-Leħen tal-Maħbub Ġesù jiggwidana fiċ-ċirkustanzi kollha tal-ħajja tagħna. F'dan is-sens, Dun Ġorġ jistimulana u jakkumpanjana matul ix-xhur li ġejjin fit-tħejjija għas-Sinodu ta' l-Isqfijiet, li se jkun dwar il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja.

Imma din il-ġrajja hija stedina wkoll biex insaħħu u nimmaturaw il-fidi tagħna billi nfittxu li nkunu nsara aktar istruwiti u iffurmati. Mhux ta' b'xejn li Dun Ġorġ qatta' ħajtu jgħallem u fetaħ għadd ta' "skejjel ta' katekiżmu"! Hu kien jemmen bis-sħiħ li l-fidi tiġi mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla kif imwassla lilna mill-Knisja fit-tagħlim tagħha. Ma jistax ikun li fid-dinja tal-lum, meta l-oqsma ta' l-għerf tant kibru u tant għandna aċċess għal informazzjoni ta' kull xorta, bħala nsara nibqgħu lura milli napprofondixxu l-għarfien tal-fidi tagħna permezz ta' tagħlim sod u san. Aħna l-Isqfijiet tagħkom irridu nuru l-apprezzament tagħna għal dawk kollha mpenjati fil-ħidma kateketika: saċerdoti, reliġjużi, ġenituri, katekisti u għalliema tar-reliġjon. Kienet u għadha barka kbira għal pajjiżna s-Soċjetà mwaqqfa minn Dun Ġorġ u nħossuna grati lejn is-soċji rġiel u nisa għas-sehem ġeneruż tagħhom fil-katekeżi.

## Kultura ta' verità u ġustizzja

L-għarfien tal-Kelma ta' Alla permezz tat-tagħlim imexxina f'dik li Dun Ġorġ kien isejjaħ "it-triq tal-verità u tal-ġustizzja". Kienet din it-triq li wasslet lil Dun Ġorġ għall-qdusija. Għalhekk, f'din il-ġrajja naraw ukoll stedina għal tfittxija sinċiera u diżinteressata tal-verità u għal għajxien rett u ġust. Kull nisrani għandu jimpenja ruħu bħala membru ħaj tal-Knisja u ċittadin onest ta' pajjiżna li jfittex, iħaddan u jippromwovi kultura ta' verità u ġustizzja. Il-fidi li tiġi mis-smigħ tal-Kelma ta' Alla u tat-tagħlim tal-Knisja trid tissarraf f'ħajja mibnija fuq is-sewwa; f'ħajja li tirrifletti koerenza bejn dak li nemmnu, dak li ngħidu u dak li nagħmlu; ħajja li ġġib bidla fl-oqsma kollha tas-soċjeta'. Din it-triq tal-verità u tal-ġustizzja tiggarantixxi ħajja armonjuża u tama għall-futur ta' pajjiżna.

## Ftuħ il-Qalb għal Alla

Ejjew nitolbu lil Alla biex, bl-interċessjoni ta' dan "It-Tieni Missierna fil-Fidi", il-ġżejjer tagħna mhux biss jibqgħu jgħożżu l-fidi li rċievew, imma jimmaturawha permezz tat-tagħlim u jsarrfuha f'ħajja mpenjata favur is-sewwa u l-ġustizzja. Biex nilħqu dan il-għan, hemm bżonn li bħal Dun Ġorġ nifitħu qalbna għal Alla f'relazzjoni ntima ta' talb. It-talb ippoġġina kontinwament fil-preżenza ta' Alla u aħna ngħarfuh u nfaħħruh bħala l-aqwa u l-uniku benefattur tagħna: "Grazzi Sinjur Alla, aħfirli Sinjur Alla".

## Stedina

Għalhekk jixraq li l-Poplu Malti u Għawdxi jrodd ħajr pubblikament lil Alla għal din il-grazzja speċjali li għoġbu jagħtina. Għaldaqstant, fil-5 ta' Ġunju, meta aħna l-Isqfijiet nirritornaw minn Ruma, ir-relikwija ta' San Ġorġ se tittieħed fil-Kattidral ta' Għawdex għall-qima tal-fidili.

Fis-6 ta' Ġunju, din ir-relikwija se tinġieb Malta għall-venerazzjoni tal-fidili fil- KonKattidral ta' San Ġwann sa filgħaxija ta' l-għada 7 ta' Ġunju meta tittieħed proċessjonalment fuq Il-Fosos tal-Furjana fejn tiġi ċelebrata l-Quddiesa ta' Ringrazzjament bis-sehem ta' l-Awtorijitajiet Ċivili u tal-Poplu Malti.

Inħeġġu lil kulħadd biex jieħu sehem f'din it-turija tal-fidi tagħna waqt li nitolbu l-interċessjoni ta' San Ġorġ Preca biex il-Mulej ixerred il-grazzji tiegħu fuq pajjiżna, fuq il-familji tagħna u fuq kull wieħed u waħda minna.

Bil-qalb nagħtukom il-barka pastorali tagħna.
Il-lum, 9 ta' Mejju 2007
Jum il-festa liturġika tal-Beatu Ġorġ Preca.

✠PAWL CREMONA O.P. , Arċisqof ta' Malta

✠MARIO GRECH, Isqof ta' Għawdex

Rev. Joseph Magro, Segretarju

# Ċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr għall-Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca Omelija ta' Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P.

## Wirt ta' ġid għall-Knisja u s-soċjetà f'Malta

Jiena nistħajjel li aħna qegħdin ngħaddu l-istess esperjenza, f'din il-ġurnata, li għaddew l-appostli elfejn sena ilu. Raw lil Sidna Ġesù Kristu msallab u mejjet, kellhom ferħ kbir għaliex Sidna Ġesù Kristu kien qam u setgħu jgawduh, imma wasal il-mument li hu kellu jittieħed minnhom. F'dak il-mument, il-kelma ta' Ġesù kienet: "Issa, dak li bdejt jien, kompluh intom. Morru fid-dinja kollha u xandru l-Bxara t-Tajba."

Aħna, ħuti, f'dawn il-ġranet għexna dan il-ferħ kbir, kemm hawn Malta kif ukoll fil-Vatikan. Għexna mumenti ta' ċelebrazzjoni. Ftakarna u sirna nafu iktar min kien San Ġorġ Preca. Issa wasalna f'dan il-jum, fejn il-poplu Malti qed jagħmel din iċ-ċelebrazzjoni ħalli juri l-għeruq Kristjani tiegħu fil-Knisja u li, b'mod speċjali, dehru fil-qawwa tal-fidi li kellu San Ġorġ Preca.

### L-istess stedina

F'dan il-mument, għandna l-istess stedina. Aħna, jew nibqgħu ngħixu fil-memorja li tant għożżejna f'dawn il-ġranet, jew inħarsu lejn il-ġejjieni.

Jiena nistħajjel li, kieku kien hawn San Ġorġ Preca u setà jkellimna, hu kien jgħidilna: "Issa komplu l-missjoni li jiena bdejt.' Issa, il-memorja ta' San Ġorġ Preca qegħda f'idejna biex aħna verament nagħmluha memorja ħajja. Hija wirt kbir, wirt enormi, imma wirt ta' ġid għall-Knisja f'Malta u permezz tagħha anke għas-soċjetà tagħna.

Aħna nistgħu nispjegaw il-ħajja ta' San Ġorġ Preca naħseb fl-ewwel mument meta hu beda l-ħidma tiegħu. Ra ftit żgħażagħ. Qalbu nfetħet għalihom għaliex kienet diġà mħeġġa bl-Aħbar it-Tajba, uża xi ħaġa biex

iressaqhom lejh bħalma għamel Ġesù mal-mara Sammaritana, xi ħaġa li ma kenitx skond dak li hu San Ġorġ Preca - talabhom sigarett - biex imbagħad ikun jista' jagħtihom il-Kristu.

Aħna, il-wirt tagħna huwa l-Aħbar it-Tajba li hemm ġewwa qalbna, x'se noffru lil dawk biex aħna nifthulhom qalbhom ħalli nkunu nistgħu nwasslu l-Kelma, ħalli din il-fidi nkunu nistgħu nkattruha.

## Eżami tal-kuxjenza

Nixtieq infakkarkom dak li aħna, l-Isqfijiet ta' Malta, ipproponejna fil-Pastorali li qrajna l-Ħadd li għadda. Tlabniekom tagħmlu daqxejn ta' eżami tal-kuxjenza fid-dawl tal-ħajja ta' San Ġorġ Preca. Aħna staqsejniekom: Imma l-fidi tiegħek hija vera sejħa għall-qdusija, jiġifieri li inti tagħmel il-mixja tiegħek ħalli tixbah lill-Mulej? Jew hija biss, Alla, li tħallih fil-ġenb sakemm ikollok bżonnu, mingħajr ma tħallih ibiddillek ħajtek? Jekk ma jbiddillikx ħajtek, kif tista' s-soċjetà ta' madwarna, il-Knisja, tkun aħjar?

Aħna staqsejniekom, il-Ħadd li għadda, jekk intom intkomx qrib ta' l-Evanġelu; dak li San Ġorġ Preca kien jgħid li huwa l-Leħen tal-Maħbub.

Aħna staqsejniekhom: Jekk inti ma taqrax il-Vanġelu u ma jkollokx kurżità biex tkun taf il-Vanġelu, kif se tkun taf it-triq. Jekk ma tafx il-Vanġelu tibda tgħid minn moħħok. Imma dik mhix it-triq tal-Mulej.

Ippermettuli xi ħaġa personali, imma tista' tgħinna. Din il-ġimgħa ltqajt ma' żagħżugħ li ma jarax. Imma għandu teżor kbir, għax għandu l-Vanġelu bil-Braille. Huwa qalli li kuljum jaqra silta mill-Vanġelu. Kif nistgħu aħna ma naqrawx siltiet minnu?

It-tielet mistoqsija li għamilna (fil-Pastorali) hija: Imma inti koerenti ma' dak li diġà għażilt ġewwa qalbek? Koerenti xi tfisser? Jiġifieri dawk li qegħdin jisimgħuk, jgħidu li 'dan għandu l-Vanġelu', jew 'din għandha l-Vanġelu ġewwa qalbha?' Dawk li jarawk fuq il-post tax-xogħol u jarawk kif titkellem u jarawk kif iġġib ruħek jindunaw li inti persuna qrib tal-Vanġelu?

Din hija l-isfida li aħna l-Ħadd li għadda poġġejna quddiemna nfusna u quddiem il-poplu Malti.

## Mumenti iebsin ta' tbatija

San Ġorġ Preca, meta beda l-missjoni tiegħu, ma kellux triq faċli. Difatti, għadda minn tliet mumenti iebsin ta' tbatija fil-ħajja tiegħu.

Jekk aħna se nagħżlu, aħna ma nistgħux nistennew aħjar.

Fl-1909, il-Knisja Ġerarkika, uffiċjali, ma għarfitx mill-ewwel dan it-tiġdid tal-fidi u allura ġiegħlitu jagħlaq dawk l-oqsma li kien diġà fetaħ. Nistgħu ngħidu li jekk nagħżlu din it-triq aħna se nsibu wkoll min ma jifhimniex; li jgħidulna: 'Imma aħna mdorrijin b'forma oħra ta' fidi. X'jiġifieri aħna rridu naqraw il-Vanġelu kuljum? X'jiġifieri rridu naqsmu l-Vanġelu?' Allura rridu ma niddejqux li aħna nsibu dan it-tfixkil.

It-tieni tbatija ta' San Ġorġ Preca kienet fl-1914, għaliex f'dik is-sena, fil-gazzetti ta' dak iż-żmien, kienet sena ta' kitbiet kontra San Ġorġ Preca u kontra dak li kien qiegħed jagħmel - f'dawk li kienu l-gazzetti ta' dak iż-żmien. U San Ġorġ Preca qalilhom: 'Ejjew ma nirreaġixxux'. Imma ma tfixkilx. Allura, ħuti, nistgħu ngħidu: Aħna, jekk nisimgħu xi kritika fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, aħna għandna niddejqu jekk San Ġorġ Preca għadda minnha? Niddejqu jekk dawk ikunu qegħdin juru l-inkoerenza tagħna; u forsi jistgħu jgħinuna għaliex iġiegħluna nirriflettu u naħsbu differenti. M'għandhomx idejquna jekk ikollna kritika għax aħna koerenti mat-tagħlim tal-Vanġelu u tal-Knisja. Dak m'għandhomx idejquna. Irridu nibqgħu mexjin.

It-tielet tbatija li kellu San Ġorġ Preca kienet għaliex il-Knisja Ġerarkika - l-isqfijiet ta' dak iż-zmien - talbet li ssir inkjesta fuq dak li kien qiegħed jagħmel. Alla l-Imbierek, li joħroġ it-tajjeb anke meta mhux kollox jidher ċar, proprju minn dik l-inkjesta ħarġet l-approvazzjoni tas-soċjetà tal-Mużew. Hiex grazzja ħuti, li inti tkun taf li l-ikbar approvazzjoni li kellu San Ġorġ, li mbagħad għarfitha wkoll il-Knisja, hija minn Dak li jara kollox u qiegħed jieħu ħsiebna.

## Appelli

Nagħlaq b'daqxejn ta' appelli.

L-ewwel appell nixtieq nagħmlu b'mod speċjali, lil dawk li b'mod speċjali jħossuhom ulied San Ġorġ Preca, li huma dawk li huma fis-soċjetà tal-Mużew. Għaliex huma, b'mod speċjali, li huma l-werrieta tal-kariżma ta' San Ġorġ Preca bil-ħajja tagħhom stess għaliex ingħataw għal hekk. Jiena ngħidilhom li għandhom missjoni oħra mat-tagħlim, mal-ħidma: iridu jagħtuna iktar tagħlim fuq San Ġorġ Preca biex il-poplu Malti kollu jsir jafu aħjar.

It-tieni appell tiegħi jmur għalina s-saċerdoti. Dejjem ftakru li San Ġorġ Preca ma ngħata l-ebda ħidma speċifika, uffiċjali, mill-Knisja. La kien kappillan; ma kien xejn. Jiġifieri, aħna rridu nimitaw lil San Ġorġ Preca fis-saċerdozju proprju tiegħu - ħalli mbagħad tkun kappillan, u isqof, u tkun xi tkun. Imma l-imitazzjoni ma tibdiex mill-ħidma, imma tibda mill-ispirtu saċerdotali. Ejjew nitħeġġu minn dak li kien bħala saċerdot.

L-aħħar sejħa tiegħi hija għalina lkoll, l-insara li aħna hawnhekk. Tafu li, lil San Ġorġ Preca, f'dawn il-ġranet, u ġustament, għidnielu li kien profeta li qed jitkellem f'isem il-Mulej, qabel żmienu. Hekk hu, għaliex dak li għamel hu wara twettaq ukoll permezz tal-Konċilju Vatikan II. Imma jiena nkompli ngħid xi ħaġa oħra: Min jaf jekk San Ġorġ Preca ġiex dak iż-żmien biex inwettquh issa? Għax dak li għallem hu, ħajja bbażata mhux fuq dak li hu estern, imma fuq dak li huwa fl-ispirtu tal-bniedem, il-qawwa tal-magħmudija fil-lajkat, issa għandna bżonnhom iktar milli kellna bżonnhom fi żmien San Ġorġ Preca. Allura ejjew nerġgħu niskopru - għaliex forsi mingħajr ma konna nafu llimitajna daqxejn lil San Ġorġ Preca u l-karżma tiegħu fit-tagħlim tat-tfal u forsi taż-żgħażagħ għadhom adolexxenti. Naħseb li rridu nerġgħu nibdew fil-bidu, għax San Ġorġ ma bediex mit-tfal, mill-adolexxenti, beda mill-kbar. Beda miż-żgħażagħ li setgħu huma stess iwasslu l-Kelma. Naħseb li dan huwa messaġġ li rridu nieħduh f'idejna u nħaddmuh.

## It-tieni Missier fil-fidi

Meta kien hawn il-Papa Ġwanni Pawlu II, qalilna li San Ġorġ Preca għandu jkun it-tieni Missier tagħna fil-fidi. L-ewwel Missier tagħna, Pawlu, beda mix-xejn, għax kien poplu li kien pagan u għamlu Kristjan. San Ġorġ Preca huwa t-tieni Missier tal-fidi tagħna jekk il-kwalità tal-fidi tagħna nħalluh ibiddilhielna biex tkun fidi li għandna bżonnha ħafna għal żmienna mhux biss għalina, imma anke għal dawk li forsi l-lum żdiedu, li jħossuhom bogħod mill-Knisja.

Jalla, ħuti, kull wieħed u waħda minna li nġbarna hawnhekk inġorru r-responsabbiltà tal-wirt ta' dan il-qaddis li l-Mulej tana, biex il-Knisja f'Malta u Għawdex, biex il-poplu tagħna jsir iktar qrib tal-Mulej.

Il-Fosos tal-Floriana
Il-Ħamis, 7 ta' Ġunju 2007

# Stqarrija ta' l-Arċisqof ta' Malta u l-Isqof ta' Għawdex

## "Il-Ħajja Umana tiġi l-Ewwel"

Il-ġrajjiet riċenti ta' immigranti li tilfu ħajjithom waqt li kienu qed jaqsmu l-baħar Mediterran fix-xewqa tagħhom li jaslu l-Ewropa bir-raġun nikktu bis-sħiħ lil kull min jgħożż tassew u kif imiss il-valur tal-ħajja tal-bniedem, ikun min ikun.

Hawnhekk għandna problema umana u problema politika. Huma marbutin ma' xulxin, imma ma jistgħux jitħalltu flimkien.

Kif diġà intqal fi stqarrija ta' l-Isqfijiet Maltin, dwar il-fenomenu tal-migrazzjoni, li ħarġet fis-17 ta' Mejju 2006, bħala poplu aħna għandna nħabirku biex nibnu kuxjenza dejjem retta li tnissel, f'kull wieħed u waħda minna u fina lkoll bħala poplu u nazzjon, koerenza bejn il-prinċipji umani u nsara li nħaddnu u l-imġiba effettiva tagħna. Dakinhar, l-Isqfijiet fakkruna wkoll li fil-proxxmu tiegħu, hu min hu u jkun ġej minn fejn ikun ġej, speċjalment fil-proxxmu li jkun qed ibati, in-Nisrani jrid jara lil Ġesu' nnifsu bil-fatti.

Wieħed ma jistax ma japprezzax id-diffikultajiet kbar li jħabbtu wiċċhom magħhom l-Awtoritajiet Ċivili, kif ukoll dak kollu li sar u qed isir minn Malta biex min ikollu bżonn l-għajnuna fir-reġjun relattivament kbir ħafna li dwaru pajjiżna hu responsabbli għal dawk li huma tiftix u salvataġġ (*search and rescue*) jiġi mgħejjun kif ikun meħtieġ. Wieħed jifhem ukoll li meta pajjiż żgħir bħal tagħna diġà qed jerfa' ħafna fuq spallejh, tistenna li pajjiżi oħrajn ferm ikbar minna jaqdu dmirhom huma wkoll f'operazzjonijiet bħal dawn. Bir-raġun kollu, pajjiżna jistenna li l-pajjiżi msieħba magħna fl-Unjoni Ewropea mhux biss jifhmu l-problema kbira li qed jiffaċċja pajjiżna, iżda b'mod konkret u fi spirtu ta' solidarjetà vera, jgħinu lill-awtoritajiet Maltin sabiex dawn l-immigranti jingħatalhom it-trattament li jixirqilhom bħala persuni umani. Iżda

aħna nemmu li wkoll f'każi fejn ir-responsabbiltà tas-salvataġġ tkun fir-responsabbiltà ta' ħaddieħor, pajjiżna għandu jagħmel kull ma jista' biex ma jkunx hemm telf ta' ħajja umana.

Waqt li pajjjiżna jiġġedded f'dan l-impenn tiegħu, jibqa' meħtieġ li l-komunità internazzjonali, speċjalment l-Unjoni Ewropea, issarraf f'fatti konkreti s-solidarjetà tagħha l-ewwelnett ma' dawn ħutna li jsibu ruħhom fil-periklu huma u jaqsmu l-Mediterran fit-tama ta' ħajja ġdida, u wkoll mal-poplu tagħna fil-problemi enormi li qed iħabbat wiċċu magħhom minħabba l-fenomenu ta' l-immigrazzjoni irregolari. Inħossu li dan ipoġġi fuq il-komunità internazzjonali u speċjalment fuq l-Unjoni Ewropea d-dmir li jsaħħu l-isforzi tagħhom u l-politika tagħhom favur żvilupp fil-pajjiżi li minnhom ġejjin l-immigranti sabiex f'dawn il-pajjiżi jkun hemm sistemi ekonomiċi u politiċi li joħolqu l-ġid li jitgawda b'ġustizzja bejn il-membri kollha ta' dik is-soċjetà.

Dan il-messaġġ se nibagħtuh ukoll lil ħutna l-Isqfijiet tal-pajjiiżi fl-Unjoni Ewropea (COMECE) biex nistednuhom jagħmlu li jistgħu mal-gvernijiet ta' pajjiżhom biex jissaħħu l-koordinament u l-għajnuna effettiva maħsubin biex isalvaw il-ħajja umana.

✠ **PAWL CREMONA O.P.,** Arċisqof ta' Malta
✠ **MARIO GRECH,** Isqof ta' Għawdex

11 ta' Ġunju 2007

## Kummissjoni Djoċesana Familja
## Messaġġ għal Jum il-Familja 2007

Il-ġenituri, għax taw il-ħajja lil uliedhom, għandhom id-dmir li jedukawhom ukoll. Iżda l-ġenituri għandhom bżonn l-għajnuna tas-soċjetà biex jagħtu lil uliedhom il-valuri essenzjali tal-ħajja. L-Istat u l-Knisja huma fid- dmir li jgħinu kemm jistgħu lill-familji fil-qasam ta' l-edukazzjoni.

B'tagħlim sod indirizzat lejn kull membru tal-familja, il-familji Maltin għandhom jakkwistaw l-għodda biex ikunu jistgħu jiffaċċjaw l-isfidi ta' żmienna. U dan nistgħu nagħmluh billi ndaħħlu fil-kurrikulu ta' l-iskejjel tagħna edukazzjoni dwar il-familja (*Family Studies*).

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Familja 2007, il-Kummissjoni Djoċesana Familja tixtieq tissuġġerixxi li fost is-suġġetti bażiċi tal-livelli tal-kindergarten, il-primarja u s-sekondarja jkun hemm l-edukazzjoni dwar il-familja (*Family Studies*). Jista' wkoll jiġi żviluppat sillabu fuq l-istudji tal-familja biex ikun jista' jsir eżami kemm f'livell ordinarju kif ukoll f'livell avanzat tal-matrikola għal kull min ikun jixtieq jidħol f'dan il-kamp partikolari ta' l-edukazzjoni.

Il-Kummissjoni Djoċesana Familja ilha għal dawn l-aħħar xhur taħdem fuq pakkett għall-għalliema bl-isem 'Familja: Sfidi u Impenn'. F'dan il-pakkett hemm mhux biss preżentazzjoni dwar l-isfidi dejjem jinbidlu li tiffaċċja kull familja u l-valuri li jagħmlu familja b'saħħitha iżda ukoll punti għal diskussjoni dwar il-ħajja fil-familja.

Il-Kummissjoni Djoċesana Familja tawgura li l-għalliema jibqgħu jgħaddu lill-istudenti tagħhom il-valuri naturali tal-familja u jibnu fihom impenn kbir u ġeneruż favur il-familja għaliex "il-ġejjieni tal-bniedem jiddependi mill-familja." (*Familiaris Consortio*)

11 ta' Mejju 2007

# Kummissjoni Ambjent
# Azzjoni mill-Knisja dwar it-tibdil fil-klima

Bla dubju ta' xejn, u kif jixhdu diversi kitbiet fil-ġurnali ta' dawn l-aħħar jiem, il-problema ambjentali tat-tibdil fil-klima qiegħdha fl-aħħar tibda tniggeż il-kuxjenza tagħna l-Maltin ... u bir-raġun!

Kif qiegħed jingħad, din il-problema tat-tibdil fil-klima kkaġunat mimn użu bla rażan ta' l-enerġija u mill-emissjonijiet ta' gassijiet li dan iġib miegħu, se tkun wieħed mill-ostakoli għall-progress tas-soċjetà Maltija u tal-popli ta' madwarna għal dawn il-ħamsin sena li ġejjin u aktar. X'inhi bħalissa, u x'se tkun ir-reazzjoni tal-Knisja f'Malta għal dan kollu?

## Knisja: li tagħti Xiehda

F'dan l-aħħar żmien, il-Knisja, permezz tal-Kummissjoni Ambjent, kienet qed twettaq awditjar ambjentali ta' l-attivitajiet tagħha fil-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, fil-Media Centre, u fil-parroċċa taż-Żejtun. Dan huwa l-ewwel pass sabiex jinstab kemm u kif qed jintużaw enerġija, ilma u riżorsi oħra, kif ukoll kemm qiegħed ikun iġġenerat skart minn dawn l-attivitijiet. Dan l-awditjar ambjentali beda jagħti r-riżultati, u għandu jservi sabiex bil-fatti u mhux bil-kliem biss, il-Knisja tagħti xiehda ta' kif nistgħu nirreaġixxu għal dan it-tibdil fil-klima.

L-ewwel riżultati ta' dan l-awditjar ambjentali, diġà qed juru diversi ħwejjeġ relevanti ħafna. Per eżempju:

- L-attivitajiet tal-Kurja ta' l-Arċisqof (Floriana) jiġġeneraw daqs 3.5 tunellati skart solidu fis-sena. Dan il-livell huwa ċkejken meta mqabbel mal-fatt li kull persuna f'Malta tiġġenera daqs 0.5 tunellata skart domestiku fis-sena.

- Il-qabża fil-konsum ta' l-elettriku waqt il-festa tar-raħal hija mill-inqas daqs tliet darbiet aktar il-livell tal-konsum fil-bqija tas-sena.

- L-ammont ta' gass Carbon Dioxide (li l-aktar jikkawża tibdil fil-klima) li l-attivitajiet tal-Knisja f'Malta jiġġeneraw (jinkludi estimu preliminarju tal-parroċċi kollha ta' Malta) jista' jvarja minn 1000 sa 1500 tunellata fis-sena. Dan l-ammont huwa ekwivalenti għal inqas minn 0.05% ta' l-emissjonijiet għal Malta kollha. Dan l-ammont huwa wkoll daqs kemm jarmu minn dan il-gass bejn 190 u 215 Maltin fis-sena.

Fuq il-bażi ta' dan l-istudju, huwa mistenni li l-Kurja, il-Media Centre u l-parroċċa taż-Żejtun jibdew ħidma sabiex jidentifikaw oġġettivi ambjentali (żieda fl-effiċjenza ta' l-użu tar-riżorsi) li jkunu jridu jilħqu skond pjan imfassal apposta.

## Knisja li tifforma l-valuri

Il-Kummissjoni Ambjent, flimkien mas-Segretarjat għal-Liturġija se tkompli bl-inizjattiva li tissensibilizza lill-membri tal-Knisja dwar l-ambjent, waqt il-Quddies. Nhar il-**Ħadd 13 ta' Mejju** se jingħad talb speċjali waqt il-Quddies li jħeġġeġ lill-insara jkunu responsabbli għal għemilhom u ma jibqgħux passivi quddiem din il-problema tat-tibdil fil-klima. Skond ix-xewqa tas-Segretarjat għal-Liturġija din it-talba tista' tinqara jew wara t-tqarbin jew bħala waħda mill-intenzjonijiet fil-Talbiet tal-Fidili.

Inħeġġu l-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex sabiex jingħaqdu lkoll bħala familja waħda f'din l-inizjattiva.

## Knisja li tinforma

F'Diċembru li għadda, permezz tal-magazin popolari 'Flimkien', il-Kummissjoni Ambjent ippubblikat ktejjeb edukattiv u qassmitu lil madwar 100,000 familja f'Malta. Il-ktejjeb jagħti tagħrif siewi dwar l-użu għaqli ta' l-elettriku u ta' l-ilma fid-djar tagħna.

Issa, il-Kummissjoni qed tippjana sabiex tippubblika ktejjeb informattiv ieħor indirizzat għal dawk kollha li jmexxu l-operat ta' knejjes u kappelli

f'Malta, fejn jipprovdilhom linji ta' gwida u suġġerimenti sempliċi dwar kif jista' jsir użu aħjar mir-riżorsi ta' l-elettriku u l-ilma.

## Konklużjoni

Il-Kummissjoni Ambjent qed tieħu dawn l-inizjattivi sabiex tiżgura li r-rwol tal-Knisja f'din il-problema nazzjonali u internazzjonali jkun dak li għandu jkun. Il-Knisja hija mistennija tagħti xiehda bil-kliem u bl-għemil tagħha dwar kif in-nisrani għandu jerfa' r-responsabbiltà ta' għemilu u għall-ħtija tiegħu għal dan il-għawġ ambjentali.

Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana
11 ta' Mejju 2007

## "Wirt Komuni – Responsabbiltà Komuni"
## Stqarrija tal-Kummissjoni Ambjent ta' l-Arċidjoċesi

L-interess prinċipali tal-Kummissjoni Ambjent Arċidjoċesi ta' Malta minn dejjem kien il-ħarsien ta' l-ambjent fis-sens wiesa' tiegħu minħabba li fih tara l-wirt komuni li rċevejna b'xejn mingħand missirijietna - wirt li b'responsabbilta' rridu ngħaddu lil uliedna fl-aħjar kundizzjoni possibbli. Għalhekk, filwaqt li fuq livell ċiviku kull ċittadin hu fid-dmir li jieħu ħsieb l-ambjent ta' madwaru, in-nisrani hu mistenni jagħmel dan għax jemmen li hu xbiha ħajja ta' Alla. Alla li joħloq u jġedded il-wiċċ ta' l-art, ifakkarna li l-bniedem ikun f'postu sakemm dan jikkopera mal-grazzja u l-imħabba tiegħu. Inqas minn hekk il-bniedem ma jibqax jaġixxi ta' uman.

Għalhekk, b'dispjaċir kbir, il-Kummissjoni tinnota u tħoss li għandha tikkundanna b'mod l-aktar ċar il-qerda bla sens ta' madwar tlett elef siġra fil-Mellieħa.

Aġir bħal dan hu ta' min jistmerru għax minbarra li qered il-ħajja ta' dawk is-siġar li damu madwar sentejn u nofs biex qabdu, il-livell u t-tip ta' ħsara li saret kienu intenzjonati li jweġġgħu u jixxokkjaw lis-soċjetà Maltija. Bħal kull dnub ieħor, atti bħal dawn jippruvaw inisslu sens ta' inċertezza bl-iskop li jiddistabilizzaw lill-komunità, li qed tipprova tgħix l-esperjenza ta' familja magħha nnfisha, mal-Ħallieq u mal-ħolqien kollu. Hu għalhekk importanti li f'mumenti bħal dawn il-komunità tingħaqad aktar minn qabel f'turija ta' solidarjetà u mpenn li flimkien nistgħu niġġieldu kontra u nirbħu dan il-ħażen. Jekk id-dnub jitħalla għaddej hemm it-tendenza li jkompli jinxtered - kif sfortunatament urew atti oħra simili u preċedenti għal dak li twettaq f'dan il-masġar.

Il-Kummissjoni tistieden li min wettaq dan d-dnub sabiex jindem u jwaqqaf il-ħsara li qed jagħmel. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll fid-dmir li għandu kull min jaf b'xi informazzjoni dwar dan l-att sabiex jikkopera ma' l-awtoritajiet fl-investigazzjonijiet tagħhom. Min jagħżel li jibqa' sieket ikun qiegħed jonqos u ma jkunx jgħin biex il-problema titrażżan.

Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tħoss li hi ħaġa pożittiva ħafna li diversi entitajiet tas-soċjetà ċivili, inklużi l-partiti politiċi, ingħaqdu f'sens ta' solidarjetà sabiex jikkundannaw dan l-att u jagħmlu ħilithom sabiex isewwu din il-ħsara. Il-Kummissjoni temmen li kwistjonijiet ambjentali għandhom ikunu kwistjonijiet ta' impenn nazzjonali li fihom isaltan l-interess lejn il-ġid komuni u mhux l-interess personali. Għalhekk il-Kummissjoni tħoss id-dmir li tinkoraġġixxi dan il-moviment u tissieħeb miegħu billi tagħti donazzjoni lil fond maħluq apposta. Il-Kummissjoni tistieden lill-poplu Malti sabiex jieħu sehem f'dan l-att ta' solidarjetà sabiex juri d-diżapprovazzjoni tiegħu lejn atti vandali bħal dawn.

11 ta' Mejju 2007

# "Park għall-Ambjent u l-Istorja flok Korsa tal-Golf fix-Xagħra l-Ħamra" Stqarrija tal-Kummissjoni Ambjent ta' l-Arċidjoċesi

Il-Kummissjoni Ambjent ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta tifraħ lill-Prim Ministru għad-deċiżjoni għaqlija li ttieħdet sabiex flok il-korsa tal-golf li kien hemm ippjanata għax-Xagħra l-Ħamra ssir post fejn l-ambjent u l-istorja jkunu mħarsa sew. Deċiżjonijiet bħal dawn huma passi kuraġġużi fid-direzzjoni t-tajba lejn l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż, u b'mod speċjali ta' l-industrija tat-turiżmu f'pajjiżna. Huma wkoll xiehda li soluzzjonijiet ibbażati fuq prinċipji ta' żvilupp sostenibbli jwasslu għal sitwazzjonijiet li huma "*win-win*" ... li fihom igawdi kulħadd għax isiru biex jitħares il-ġid komuni.

Il-Kummissjoni Ambjent tixtieq tfakkar li fl-'Opinjoni li l-Kummissjoni ppublikat eżatt sena ilu (19 ta' Mejju 2006), kienet saħqet li jekk ma nibżgħux għall-kapital u r-riżorsi naturali u storiċi li pajjiżna huwa mogħni bihom inkunu qed inwarrbu fil-ġenb l-identità tagħna u ndgħajfu l-istess attrazzjoni li Malta toffri lit-turist. Barra minn hekk, inkunu qed innaqru mill-kwalità tal-ħajja tagħna stess.

Il-Kummissjoni għadha temmen li, meta wieħed jikkonsidra l-impatt li l-iżvilupp ta' korsi ġodda tal-golf għandhom fuq ir-riżorsi naturali u ambjentali tagħna, ma teżisti l-ebda raġuni valida li tissostanzja l-idea li dawn huma xi element importanti fl-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu f'pajjiżna. Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota b'sodisfazzjon li d-deċiżjonijiet dwar dan it-tip ta' proġetti qed jittieħdu fuq rapporti minn esperti mibnijin fuq prinċipji sostenibbli u mhux sempliċiment fuq ideat mhux sostanzjati b'riżultati empiriċi. Bil-proġett li qed ikun propost intwera wkoll li meta nadottaw it-triq ta' l-iżvilupp sostenibbli jirnexxilna noħorġu b'ideat innovattivi li jirrispettaw l-interessi ambjentali, soċjali u ekonomiċi ta' pajjiżna.

14 ta' Mejju 2007

## "L-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar u l-Bojkott" Stqarrija tal-Kummissjoni Ambjent ta' l-Arċidjoċesi

Il-Kummissjoni Ambjent ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta tinnota b'dispjaċir il-mod kif żviluppaw l-affarijiet fil-kwistjoni tal-proġett propost fl-inħawi tar-Ramla l-Ħamra f'Għawdex.

Mill-bidu nett nixtiequ niċċaraw il-fatt li skond kif twaqqfet, u l-għanijiet tagħha, il-Kummissjoni Ambjent għandha r-responsabbiltà li taħdem speċifikament fl-Arċidjoċesi ta' Malta. Għalhekk mhux l-inkarigu tagħha li tesprimi ruħha dwar dan il-proġett propost f'Għawdex.

Madanakollu, innotajna l-mod kif żviluppat id-diskussjoni pubblika dwar dan il-proġett speċjalment fir-relazzjonijiet bejn l-Awtorità ta' l-Ambjent u l-Ippjanar u l-għaqda Flimkien għal Ambjent Aħjar. Kif diġà għidna kemm-il darba, il-kontribut tal-pubbliku (inkluż ta' għaqdiet volontarji) f'kull diskussjoni pubblika dwar l-ambjent, huwa element essenzjali sabiex niżguraw żvilupp sostenibbli li jkun jirrispetta l-ġid komuni. Għalhekk, filwaqt li l-Awtorità għandha kull dritt titlob li kull kritika li ssir lejn id-deċiżjonijiet li ttieħdu tkun sostanzjata, m'huwiex aċċettabbli li tiddikjara xi għamla ta' bojkott fuq kwalunkwe għaqda jew individwu għal xi raġuni jew oħra.

Aħna nifhmu l-bżonn li kull kritika indirizzata fil-pubbliku lejn uffiċjal(i) jew entitajiet pubbliċi, bħalma hija l-Awtorità, trid tkun iġġustifikata kif jixraq. Iżda ma nifhmux ir-reazzjoni ta' l-Awtorità f'dan il-każ hekk kif irrappurtat fil-media lokali u fil-website ta' l-istess Awtorità.

L-operat ta' l-Awtorità huwa essenzjali u kritiku fil-proċess ta' żvilupp sostenibbli ta' pajjiżna u għalhekk spiss ikun fil-mira u taħt l-iskrutinju tal-pubbliku. Hekk għandu jkun. Huwa d-dritt ta' kull ċittadin li jkun parteċipi f'dan il-proċess b'mod responsabbli u mingħajr il-biżà ta' xi sanzjonijiet għall-fehma tiegħu. ta' min isemmi li l-Awtorità kienet waħda mill-ewwel entitajiet li tat l-ispazju għal u ippromoviet din il-parteċipazzjoni pubblika wiesgħa fi kwistjonijiet ambjentali. Għalhekk,

il-Kummissjoni ma tistax tifhem u lanqas taċċetta din il-bidla fl-aġir ta' l-Awtorità lejn min jikkritika l-operat tagħha. Din il-parteċipazzjoni pubblika, anke permezz ta' laqgħat individwali, m'għandhiex titqies bħala "ħela ta' ħin" jew trattament preferenzjali. L-Awtorità għandha l-mezzi li tippermettilha l-liġi sabiex tħares lilha nnifisha minn kull kritika kontriha li fil-fehma tagħha tkun inġurjuża. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, fil-każ ta' entitajiet pubbliċi, dawn il-mezzi m'għandhomx jinkludu l-ebda għamla ta' bojkott.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni tixtieq tappella lill-partijiet kollha involuti f'din il-kwistjoni sabiex ifittxu d-djalogu u mhux il-konfront bħala l-istrateġija preferuta sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għal kulħadd (*win-win situation*). Il-Kummissjoni temmen li jekk kull parti tiffoka fuq dak l-interess li jgħaqqadna, jiġifieri li naħdmu sabiex kull żvilupp li jeħtieġ isir ikun sostenibbli, allura nevitaw ħafna kruċjati bla bżonn. Djalogu mibni fuq il-verità hu l-aħjar mod kif jintlaħaq ftehim u jkunu evitati l-ħela ta' ħin u r-riżorsi li jistgħu jkunu indirizzati għal affarijet aktar produttivi.

13 ta' Ġunju 2007

Appell tal-Kummissjoni Emigranti

## "It-traġedja ta' immigranti fil-baħar'

It-Taqsima Refuġjati tal-Kummissjoni Emigranti tinnota li, wara li ġie salvat mill-għarqa u ngħata l-attenzjoni medika mmedjata li kien jinħtieġ fiċ-ċirkustanzi li kien fihom, l-uniku immigrant li ħelisha minn ħalq il-mewt minn grupp li d-dgħajsa li kienu fuqha nqalbet f'maltemp kbir intbagħat f'ċentru ta' detenzjoni.

Il-Kummissjoni Emigranti tħoss li, meta wieħed iqis l-esperjenza drammatika li dan l-immigrant żagħżugħ għadda minnha meta għamel sigħat jissara f'baħar imqalleb u matulhom ra wkoll lil 27 persuna sħabu jegħrqu, kif ukoll l-effett qawwi li dak li ra u għadda minnu żgur għandu u se jibqa' jkollu f'ħajtu, dan iż-żagħżugħ għandu jkun ikkunsidrat bħala persuna vulnerabbli u jinħareġ mid-detenzjoni mmedjatament. Għalhekk, l-Kummissjoni tappella lill-awtoritajiet konċernati biex jagħtu l-ordni meħtieġa halli dan iseħħ minnufih.

Diġà kien hemm każ ieħor fejn nies li jinħelsu mill-għarqa tqegħdu u nżammu f'detenzjoni minkejja l-appell u l-protesti li saru. Nappellaw biex ma jerġax isir l-istess.

Il-Kummissjoni Emigranti għandna fiduċja li l-awtoritajiet governattivi jifhmu li, bħalma huma jħossu li għandha tintwera ġenerożità ma' persuni oħrajn b'każ vulnerabbli, fosthom persuni minorenni li jkunu waħedhom, nisa fi tqala, u nisa bit-tfal, li jinħarġu mid-detenzjoni, hekk ukoll għandhom jilliberaw nies li jkunu ġew salvati mill-għarqa u li allura jkollhom trawma kbira fuqhom. Persuni bħal dawn għandhom jitqegħdu f'waħda mid-Djar tal-Kenn ta' l-Istat. Jekk f'dawn id-Djar ma jkunx hemm wisgħa, l-awtoritajiet konċernati faċilment jistgħu jikkuntattjaw il-Kummissjoni Emigranti jew xi enti ieħor u żgur li jsibu kooperazzjoni.

Hekk jitlob l-aġir uman, it-twemmin u l-ispirtu Malti.

18 ta' Mejju 2007

Jum ir-Refuġjati
Stqarrija tal-Kummissjoni Emigranti

## "L-għaqda tal-familji ta' persuni bi protezzjoni umanitarja temporanja"

F'JUM IR-REFUĠJATI ta' din is-sena (20 ta' Ġunju), il-Kummissjoni Emigranti, li hi Għaqda Volontarja ta' natura soċjali, trid tikkonċentra l-messaġġ tagħha fuq il-bżonn ta' azzjoni iktar b'saħħitha u iktar imħeġġa favur l-għaqda tal-familji ta' dawk li jingħataw protezzjoni umanitarja temporanja.

Teżisti problema umana reali ħafna.

L-għadd ta' każi ta' dawk mogħtija protezzjoni umanitarja hawn Malta, b'parti mill-familja tagħhom f'art oħra - ir-raġel hawn Malta bil-mara u t-tfal f'xi art oħra, jew il-mara bit-tfal jew xi tfal hawn Malta u żewġha f'art oħra - bħalissa jammonta għal madwar 250. Dan jinvolvi aktar minn 800 persuna; 250 f'Malta b'madwar 550 membri tal-familji tagħhom f'art oħra.

Fost dawn insibu każi bħal ta' meta l-missier kellu jaħrab minn artu, għal rasu, u jħalli lil martu u lil uliedhom warajh; ta' meta l-missier u l-omm fil-ħarba tagħhom ikunu se jaqsmu d-deżert u minħabba l-periklu li jkunu se jiffaċċjaw iħallu lil uliedhom żgħar warajhom ma' xi qraba; ta' meta fil-ġirja tal-ħarba tagħhom il-missier u l-omm ikollhom jinfirdu u jispiċċaw f'destinazzjonijiet differenti.

Il-firda tinħass aktar meta r-raġel jinfired minn martu f'ħin li tkun qegħda tistenna tarbija; jew meta l-mara tasal tqila f'xi art, se twelled, u żewġha ma jkunx magħha; jew meta l-missier jibqa' ma jafx lil ibnu u l-iben ma jafx lil missieru għal xi żmien.

Uħud minn dawn il-familji ilhom mifrudin minn xulxin medja ta' tliet snin.

Il-Kummissjoni Emigranti tixtieq li tinħoloq u tikber kuxjenza pubblika dwar il-qagħda mwegħra ta' dawn il-familji mċaħħdin mill-imħabba u l-appoġġ ta' xulxin. Trid ukoll tappella għal soluzzjoni għal din il-problema umana, bl-għajnuna tal- Kummissarju Għoli tal-Ġnus Magħquda għar-Refuġjati (UNHCR).

L-esperjenza għallmitna li ħafna drabi l-protezzjoni umanitarja temporanja qed tkun meħtieġa għal snin sħaħ - u ħadd ma jaf kemm għad titwal. Għalhekk, il-bżonn li tinstab xi forma ta' soluzzjoni għal dawk il-familji li ilhom mifrudin għal numru ta' snin hija bżonn kbir u urgenti.

Waħda mis-soluzzjonijiet prattiċi qegħdin jagħtuhielna l-Istati Uniti ta' l-Amerka. Jekk mill-kwota li l-Amerika offriet lil Malta, jiġu magħżulin għadd ta' persuni mifrudin mill-familja tagħhom, dawn, meta jkunu fl-Amerika, ikunu jistgħu jiġbru magħhom il-bqija tal-familja.

Wieħed mill-impenji tal-Kummissarju Għoli tal-Ġnus Magħquda għar-Refuġjati huwa li jinstabu soluzzjonijiet sodi għal dawk li jkunu jinħtieġu xi forma ta' protezzjoni internazzjonali.

Il-Kummissjoni Emigranti tappella, għalhekk, lill-Kummissarju Għoli tal-Ġnus Magħquda għar-Refuġjatit biex jirrikmanda u jħeġġeġ lill-artijiet ta' l-Immigrazzjoni bħal l-Awstralja u l-Kanada, ħalli joffru huma wkoll kwota ta' immigrazzjoni lil Malta, u hekk jiġu sollevati wħud mill-familji ta' dawk mogħtijin protezzjoni temporanja umanitarja hawn Malta.

Il-Kummissjoni Emigranti titlob ukoll lill-Kummissarju Għoli tal-Ġnus Magħquda għar-Refuġjati biex jinkuraġġixxi kemm jista' lill-pajjiżi ta' l-Ewropa li jaċċettaw li dawk mogħtija protezzjoni umanitarja hawn Malta jingħaqdu mal-ġenituri jew ħuthom residenti f'arthom.

Hekk, Jum ir-Refuġjati inissel aktar komprensjoni fina li qegħdin nilqgħuhom u ferħ fihom li t-tama, ix-xewqa u l-bżonn tagħhom huma li jsibu kenn stabbli u dejjiemi.

15 ta' Ġunju 2007

## Stqarrija flimkien mill-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi u l-Kummissjoni Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol

# "Solidarjetà mal-ħaddiema ssensjati u l-familji tagħhom"

Il-Kummissjoni Djoċesana Ġustizzja u Paċi u l-Kummissjoni Djoċesana għall-Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol jirreferu għall-aħbarijiet li fuq 700 ħaddiem minn postijiet differenti se jitilfu l-impjieg tagħhom. F'mument bħal dan, dawn il-Kummissjonijiet iridu jesprimu s-solidarjetà profonda tagħhom mal-ħaddiema kollha ssensjati u l-familji tagħhom, waqt li fl-istess ħin jinkuraġġixxu lill-imsieħba politiċi, ekonomiċi u soċjali kollha biex ifittxu id f'id soluzzjoni urġenti għall-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol adekwati, li jkompli jirrispetta d-dinjità ta' dawn il-ħaddiema u li jkompli jiggarantixxi għalihom u għall-familji tagħhom ħajja dinjituża u dħul li ma jikkaġunalhomx tbatija li tista' tiġi evitata fit-twettiq ta' l-impenji finanzjarji u r-responsabbiltajiet tagħhom.

Huwa f'waqtu li wieħed isemmi b'sodisfazzjon d-dikjarazzjoni li hu rapportat li saret mill-maniġment ta' fabbrika minn fejn 570 ħaddiem se jitilfu l-impjieg, li huma ma kellhom ebda problemi bil-livell ta' effiċjenza, snajja' u dedikazzjoni tal-ħaddiema Maltin.

Il-Kummissjonijiet jinnotaw b'sodisfazzjon li l-Gvern diġà kkuntattja l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ biex din tħaddem ir-riżorsi tagħha ħalli jinstab xogħol alternattiv għall-ħaddiema, u wkoll id-dikjarazzjoni li jekk ikun meħtieġ dawn il-ħaddiema jingħataw taħriġ mill-ġdid permezz ta' fondi speċjali li jiġu allokati apposta.

Il-Kummissjonijiet iridu jenfasizzaw ukoll l-objettivi tal-ġid komuni, li jitlob li biex ir-rikezzi jaqdu l-funzjoni tagħhom għall-bniedem iridu jkunu destinati biex jipproduċu benefiċċji għall-oħrajn fis-soċjetà (Kompendju tad-Duttrina Soċjali tal-Knisja, ref 328). F'dan ir-rigward, il-Kummissjonijiet jappellaw lill-Gvern biex jikkunsidra li, fiż-żmien ta' stennija għal impjieg ġdid, il-ħaddiema ssensjati jingħataw kull benefiċċju finanzjarju possibbli biex itaffu t-tbatija tagħhom. Il-Kummissjonijiet jestendu dan l-appell ukoll lill-Banek ħalli jikkunsidraw li jagħtu

*moratorium* lill-ħaddiema ssensjati li jkollhom xi self mill-bank u li possibbilment anke jtaffulhom mill-piż ta' l-imgħax sakemm ikunu bla xogħol. Appell ieħor imur lil dawk li jħaddmu, speċjalment dawk li għaddejjin minn żmien ta' qligħ għoli, biex jikkunsidraw li joħolqu taħriġ ta' waqt l-impjieg b'remunerazzjoni sħiħa lill-akbar numru possibbli ta' ħaddiema ssensjati.

Finalment, il-Kummissjonijiet jappellaw biex kulħadd joffri t-talb u l-għajnuna tiegħu lill-individwi ssensjati u l-familji tagħhom, kif ukoll lil dawk li huma bla xogħol jew ma jistgħux isibu jaħdmu.

22 ta' Ġunju 2007

# Il-Pallium ta' l-Arċisqfijiet

Nhar il-Ġimgħa li ġej, solennità ta' San Pietru u San Pawl, l-Arċisqof Pawl Cremona O.P., flimkien ma' Arċisqfijiet Metropoliti oħra minn madwar id-dinja u li ġew magħżula tul dawn l-aħħar tnax-il xahar, se jirċievi l-pallium mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI.

## Xi jkun il-pallium?

Il-pallium hu bħal faxxa wiesgħa xi ħames ċentimetri, magħmula minn suf fin ħafna, li jintlibes madwar l-għonq. Ikollu wkoll żewġ pendenti, xi tletin ċentimetru fit-tul, wieħed fuq quddiem u l-ieħor fuq wara. Dawn iż-żewġ pendenti jżommu stirati 'l isfel b'żewġ biċċiet żgħar taċ-ċomb li jkunu miksija b'ħarir iswed.

Fuq il-pallium ikun hemm irrakkmati sitt islaleb suwed – wieħed quddiem, ieħor fuq wara, wieħed fuq in-naħa ta' l-ispalla tal-lemin u l-ieħor fuq tax-xellug, u salib fuq kull pendent. Is-salib ta' quddiem, ta' wara u ta' l-ispalla tax-xellug ikollhom bħal ħolqa mill-istess ħajt biex iżommu tliet labriet tad-deheb li jissejħu *spinulae*.

## Min jista' jilbes il-pallium?

Fil-motu proprio *Inter eximia episcopalis* tal-11 ta' Mejju 1978, insibu li l-pallium jista' jintlibes biss mill-Papa, mill-Patrijarka tar-rit Latin ta' ġerusalemm, mid-dekan tal-Kulleġġ tal-Kardinali u mill-Arċisqfijiet Metropoliti. L-Arċisqof metropolita hu maħtur biex jippresiedi fuq dik li hi magħrufa bħala provinċja ekklesjastika, li l-arċidjoċesi tiegħu tkun tagħmel parti minnha. Il-provinċja ekklesjastika Maltija hi probabbilment l-iżgħar waħda fil-Knisja għax tikkonsisti biss f'żewġ djoċesijiet – Malta u Għawdex.

## Meta jintlibes il-pallium mill-Arċisqof metropolita?

Il-Papa biss jista' jilbes il-pallium kullimkien. L-Arċisqof jista' jilbsu biss fil-provinċja ekklesjastika tiegħu. L-unika eċċezzjoni meta l-Arċisqof ma jilbisx il-pallium fil-provinċja ekklesjastika tiegħu hi meta jkun qed jikkonċelebra mal-Papa.

Il-pallium tant kien meqjus bħala xi ħaġa importanti li l-użu tiegħu kien ristrett għal xi festi kbar bħall-Milied u l-Għid. Illum, fil-provinċja ekkleżjastika tiegħu, l-Arċisqof metropolita jista' jilbsu fuq il-pjaneta waqt kull Quddiesa stazzjonali – jiġifieri, Quddiesa li għaliha jattendu numru mhux ħażin ta' nsara. Iċ-*Ċerimonjal ta' l-Isqfijiet*, ippubblikat fl-1984 jirrakkomanda li ta' lanqas dan għandu jintlibes fis-solennitajiet il-kbar, fl-ordinazzjonijiet, fil-konsagrazzjoni tal-verġni u fil-konsagrazzjoni tal-knejjes u ta' l-altari.

Meta Arċisqof metropolita jmut, jindifen liebes il-pallium.

Barra minn hekk, l-Arċisqfijiet metropoliti jistgħu jinkludu l-pallium fuq l-arma tagħhom, skond ir-regoli ta' l-eraldika.

## X'tifsira simbolika għandu l-pallium?

It-Testment il-ġdid joffri t-tifsira għas-simboliżmu tal-pallium. Peress li hu minsuġ mis-suf tal-ħrief, il-pallium ifakkar lill-Arċisqof li jilbsu fi Kristu, ir-ragħaj it-tajjeb.

Il-kulur abjad tas-suf tal-pallium iservi wkoll biex ifakkar lil min jilbsu li l-qawwa u l-awtorità ġejja mill-ħaruf ta' Alla. Il-ħaruf ħafna drabi hu meqjus bħala simbolu tal-paċi. Il-pallium, għalhekk, hu wkoll simbolu tal-missjoni ta' l-Arċisqof biex iżomm il-paċi u l-għaqda fil-Knisja.

## Kif u min jaħdem il-pallia?

Kull pallium jaf il-bidu tiegħu f'Quddiesa nhar il-21 ta' Jannar, festa ta' Sant'Anjeże, fil-bażilka li ġġib isimha fi Triq Nomentana, Ruma.

Iż-żewġt iħrief jieħdu ħsieb iġibuhom il-patrijiet trappisti ta' l-abbazija ta' *Tre fontane*. Qabel il-Quddiesa, il-poplu jkun jista' jara dawn il-ħrief imżejna u mqiegħda f'żewġt iqfief. Qoffa u ħaruf minnhom ikun imżejjen bi fjuri ħomor. Fuq il-ħaruf ikun hemm ukoll l-ittri SAM (Sant'Anjeże Martri). It-tiżjin tal-qoffa u tal-ħaruf l-ieħor ikun bl-abjad. Il-kliem SAV fuq it-tieni ħaruf ifissru Sant' Anjeże Verġni.

Fil-bidu tal-Quddiesa, wara l-purċissjoni ta' l-introjtu, dawn il-ħrief jinġiebu fuq l-altar u jitbierku permezz ta' l-ilma u l-inċens. Immedjatament wara l-Quddiesa, il-ħrief jittieħdu biex jitbierku mill-Papa fil-Palazz Appostoliku. Imbagħad, jiġu afdati f'idejn is-sorijiet benedittini tal-monasteru ta' Santa Ċeċilja fi Trastevere. Il-ħrief jibqgħu fil-ġnien tal-kunvent sa ftit tal-jiem qabel l-Għid il-Kbir, meta jġiżżuhom għas-suf. Wara li dawn l-annimali jkunu qdew il-funzjoni liturġika tagħhom, iferrħu lis-sorijiet fil-pranzu ta' l-Għid!

Għal diversi sekli, l-pallia kienu jiġu minsuġa u meħjuta bl-idejn. Minħabba li n-numru ta' Arċisqfijiet Metropoliti madwar id-dinja kiber, in-numru ta' pallia kiber ukoll. Għalhekk, illum is-sorijiet benedittini ta' Santa Ċeċilja jqabbdu kumpanija tat-tessuti biex tipprovdilhom il-materjal biex minnu jagħmlu l-pallia. Żewġt iħrief mhumiex biżżejjed biex jipprovdu s-suf biex bihom isiru l-pallia kollha. Minkejja dan, kull pallium xorta jkollu xi ftit mis-suf ta' dawk il-ħrief imberkin mill-Papa.

## F'liema mument tal-Quddiesa l-Papa Benedittu XVI jagħti l-pallium lil Monsinjur Cremona?

Sa mill-1984, il-Papa Ġwanni Pawlu II sar l-ewwel Papa li beda jagħti l-pallium lill-Arċisqfijiet metropoliti kollha f'daqqa nhar is-solennità ta' l-Appostli Pietru u Pawlu. Fi tmiem l-omelija, id-djaknu jtella' l-pallia fuq platt tal-fidda mill-Confessio ta' San Pietru (minn taħt l-altar Papali fejn hemm il-qabar ta' l-Appostlu Pietru) u jippreżentahom lill-Papa. Il-Kardinal proto-djaknu jsejjaħ l-ismijiet tal-Metropoliti l-ġodda u jitlob għan-nom tagħhom li jirċievu l-pallium mingħand il-Papa. Wara li l-Arċisqfijiet jieħdu ġurament ta' fedeltà lejn il-Knisja u lejn il-Papa, dan ta' l-aħħar ibierek il-pallia.

Imbagħad, kull Arċisqof metropolita jersaq quddiem is-suċċessur ta' Pietru, jagħmel inkin quddiemu u jinżel għarkobbtejh biex il-Papa jkun jista' jlibbislu l-pallium. Wara dan, l-Arċisqfijiet jirċievu l-bewsa tal-paċi mingħand il-Papa. Waqt dan ir-rit, il-kor ikanta l-antifona: Morru fid-dinja kollha, hallelujah, xandru l-Evanġelju lil kull ħlejqa, hallelujah.

Referenza: G. Skinner, *The Pallium: A Brief Guide to its History and Significance,* Oxford 2007.

Rev. Jesmond Manicaro

Segretarju, Kummissjoni Liturġika tal-Provinċja Ekklesjastika Maltija

Delegat ta' l-Arċisqof għal-Liturġija.

# Ċirkulari Numru 8: Ċelebrazzjoni Djoċesana fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin

Is-solennità ta' Għid il-Ħamsin tfakkarna meta l-Knisja rċeviet id-don ta' l-Ispirtu s-Santu u ħarġet ixxandar l-Evanġelju.

Għalhekk hija x-xewqa ta' Monsinjur Arċisqof li bħal snin oħra fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin aħna l-insara Maltin ninġabru flimkien f'ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr lill-Mulej Alla, li permezz ta' l-Ispirtu Tiegħu qed ikompli jġedded il-Knisja, ukoll f'Malta. Dan intwera ċar meta l-Papa Benedittu XVI ħabbar li ser jikkanonizza lil Beatu Ġorġ Preca fit-3 ta' Ġunju 2007.

Din iċ-ċelebrazzjoni, li ser tkun tikkonsisti f'velja ta' talb bi preparazzjoni għal din il-kanonizzazzjoni u li tinkludi l-quddiesa, ser tkun immexxija minn Mons. Arċisqof u li fiha huma mistiedna jikkonċelebraw s-saċerdoti djoċesani u reliġjużi.

Monsinjur Arċisqof iħeġġeġ lil kull min jista' biex jieħu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni djoċesana li se ssir **nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 2007, fi Triq Tumas Fenech, Birkirkara** (wara l-Bażilika ta' Sant'Elena) u tibda fit-7.30 p.m.

Monsinjur Arċisqof irid li nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 2007, l-aħħar quddiesa li tkun iċċelebrata fil-knejjes jew fil-komunitajiet tkun spiċċat sas-7.15 p.m., ħlief għall-każijiet taċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-żwieġ. **M'għandux ikun hemm ċelebrazzjonijiet jew attivitajiet oħra reliġjużi fil-ħin taċ-ċelebrazzjoni djoċesana dak in-nhar.**

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 14 ta' Mejju 2007.

✠Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmel Zammit, Kanċellier

# Ċirkulari Numru 9: L-Għoti tal-Pallium

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' dan, Solennità ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl, Monsinjur Arċisqof Pawlu Cremona, OP, flimkien ma' għadd ta' Arċisqfijiet oħra, se jirċievi l-Pallju minn għand il-Qdusija Tiegħu l-Papa. Il-Pallju jingħata lill-Arċisqfijiet Djoċesani bħala sinjal tal-għaqda tagħhom mal-Papa.

Ikun xieraq illi fil-Quddies kollu li jiġi ċelebrat dakinhar fl-Arċidjoċesi tagħna, fit-Talba tal-Fidili tiżdied din l-invokazzjoni: "**Mulej, bierek u għin lill-Papa u lill-Arċisqof tagħna, u seddaq l-għaqda bejniethom u tagħna magħhom**".

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 25 ta' Ġunju 2007.

✠Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmel Zammit, Kanċellier

# Ċirkulari Numru 10: Offerta għall-Papa 2007

Fil-Quddies kollu li jiġi ċelebrat fil-knejjes ta' l-Arċidjoċesi tagħna nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd 14 u 15 ta' Lulju, sejra ssir il-ġabra magħrufa bħala l-"Offerta ta' San Pietru".

B'din il-ġabra ngħinu lill-Papa biex ikun jista' jsaħħaħ u jifrex dejjem aktar il-ħidmiet tiegħu ta' Ragħaj tal-Knisja Universali permezz ta' għotjiet ta' Karità mad-dinja kollha ma' ħutna l-aktar fil-bżonn, speċjalment ma' dawk milqutin minn xi emerġenza, diżastru naturali jew gwerra.

Nixtiequ nħeġġu lil kulħadd biex fil-ġabra nkunu ġenerużi kif dejjem konna. B'hekk inkunu wkoll nuru l-għaqda tagħna mal-Qdusija Tiegħu l-Papa u naqdu dmirna ta' karità lejn ħutna fil-bżonn.

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum 2 ta' Lulju 2007.

✠Annetto Depasquale, Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali

Mons. Carmelo Zammit, Kanċellier

# STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA

## Flimkien għall-Ewropa fi Struttgart u f'Malta

Nhar is-Sibt, 12 ta' Mejju, 2007, 170 moviment, 12,000 ruħ, mill-Ewropa kollha se jniedu kungress ta' ġurnata, fi Stuttgart, il-Ġermanja. It-tema tal-Kungress hija, "Flimkien ghall-Ewropa". L-għan ta' dan l-evveniment huwa li wieħed jagħmel esperjenza ta' relazzjoni u kollaborazzjoni nisranija, u r-rikkezza tal- komunjoni fid-diversità. Sinjali ta' ħajja ġdida huma ġenerati fil-ħajja soċjali, politika u ekumenika. Dan l-avveniment se juri wkoll l-impatt li laqgħa simili, li saret fit- 8 ta' Mejju 2004, kellha fuq il- kontinent tal- Ewropa.

L-avveniment se jkun trasmess bis-satellita mad-dinja kollha. Minn Malta se jipparteċipaw erba' movimenti: il-Fokolarini, tal-MUSEUM, il-Kariżmatiċi, u l-Full Gospel Business Men Fellowship International. Wieħed jista' jsegwi t-trasmissjoni "live" mill- 10.30am san-12.30pm, u mis-2.30pm sas-6.00pm fil-post tal-moviment tal- fokolari, fl-indirizz: "StellaElise", Triq il-Ħuttaf, Kappara. Tel. 21385801. Kulħadd huwa mistieden.

Nhar il-Ħadd, 20 ta' Mejju, 2007, wara nofsinhar, mijiet ta' nies hawn Malta, se jiltaqghu fis-sala tal-konferenzi tal-Kumpless tal-Fieri, tan-Naxxar, (waqt il-volontariatfest) biex jieħdu sehem f'simposju bit-tema, "Flimkien ghall-Ewropa". Il-waqtiet prinċipali tal-laqgħa tal-Ġermanja jintwerew, b'togħma lokali, u jintwera l-għana tal-ħajja lokali nisranija f'Malta fl-oqsma soċjali, politiċi, u ekumeniċi, billi jieħdu sehem parteċipanti minn movimenti differenti hawn Malta. Il-movimenti li jkunu ħadu sehem fil-laqgħa tal-Ġermanja jaqsmu l-esperjenza tagħhom. Dan l-avveniment ikun mis-6.00pm sat-8.30pm. Kulħadd huwa mistieden.

## Laqgħa ta' l-Arċisqof Cremona ma' l-ommijiet ta' missjunarji

Għall-okkażjoni ta' Jum l-Omm, Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. se jiltaqa' ma' l-ommijiet tal-missjunarji Maltin. Il-laqgħa se ssir nhar l-Erbgħa, 16 ta' Mejju 2007, f'Dar l-Emigrant, Valletta, fil-4.00 p.m. L-attività qed tiġi organizzata mis-Segretarjat għas-Saċerdoti, Reliġjużi u Lajċi Maltin li qed jaħdmu għall-Knisja bogħod minn artna. L-ommijiet jistgħu jkunu akkompanjati minn żwieġhom u nies tal-familja li joqogħdu magħhom. Min jixtieq jattendi jista' jittelefona 21222644 - 21240255 - 21232545.

3 ta' Mejju 2007

## Ministeru tal-Lettorat għal ħames seminaristi

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Mejju 2007, se jistitwixxi ħames seminaristi bħala Letturi, f'ċerimonja li se ssir fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija Assunta, Ħ'Attard, fis-6.30 p.m. Il-Letturi l-ġodda, li jinsabu fil-ħames sena tal-kors tas-Seminarju, huma: Nicholas Doublet minn B'Kara (S.Elena), Keith Scicluna minn Ħaż-Żabbar, Luke Seguna minn Ħal Tarxien, Andrea Zaffarese u Ronnie Zammit minn Ħ'Attard.

L-għoti tal-Ministeru tal-Lettorat jimmarka pass ieħor fil-mixja ta' dawn iż-żgħażagħ lejn is-saċerdozju. Bħala Letturi, huma se jingħatalhom l-uffiċċju li jxandru l-Kelma ta' Alla waqt il-liturġija, iħabirku biex jgħinu lill-fidili jħejju rwieħhom aħjar biex jirċievu s-sagramenti, u jxandru l-messaġġ tas-salvazzjoni lil min ma jafx bih. Il-Komunità tas-Seminarju qed tħeġġeġ lil kulħadd biex jitlob għal aktar vokazzjonijiet, u biex il-Mulej ibierek lis-seminaristi kollha ħalli l-Knisja ma tieqaf qatt li jkollha rgħajja skond qalbu.

07 ta' Mejju 2007

# Se jibdew id-"Djalogi fis-Soċjetà"

L-ewwel laqgħa fl-inizjattiva msejħa 'Djalogi fis-Soċjetà, imnedija mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali tal-Knisja f'Malta, se ssir nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju 2007, fil-Phoenicia Ballroom, Floriana, fis-7.00p.m. Is-suġġett tal-laqgħa se jkun: "L-esperjenza reliġjuża fadal żmienha?"

L-iskop ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali f'din l-inizjattiva huwa li joħloq spazji fejn tista' tiġi diskussa u magħrufa iktar l-identità nisranija ta' dawk li bħala membri tal-Knisja f'Malta jixtiequ jidħlu iktar fil-fond tal-fidi tagħhom. Id-"Djalogi fis-Soċjetà", iżda, huma wkoll spazju għal dawk kollha li huma mixtieqa minn konfront serju u seren mal-messaġġ ta' Kristu u l-Knisja tiegħu.

L-inizjattiva ta' "Djalogi fis-Soċjetà' qed isseħħ bil-ħidma ta' grupp ta' lajċi li twaqqaf fi ħdan l-Istitut biex jippromwovi dawn l-ispazji ta' diskussjoni. Dan l-*equip*, li l-ko-ordinatur tiegħu huwa l-Professur Salvinu Busuttil, għandu bħala mpenn primarju li joffri spazji fejn l-isfida li ġġib magħha l-fidi, l-istedina li ngħixu u nipprattikaw il-Kmandament ta' l-Imħabba mwassal lilna minn Kristu, ma tibqax biss ħaġa tradizzjonali, riservata. Imma li din tkun sfida u stedina li permezz tagħha l-persuna tidħol iktar fil-fond tat-tifsira li ġġib magħha s-sejħa li timxi wara Kristu l-lum, f'din is-soċjetà tagħna.

Fl-inizjattiva se jsiru tliet laqgħat, kollha fil-Phoenicia Ballroom, mis-7.00 p.m. sat-8.30 p.m. Il-laqgħa ta' l-14 tax-xahar se tkun presjeduta mill-Prof. Busuttil. Jieħdu sehem Dr. Janet Mifsud u Lino Spiteri.

It-tieni laqgħa se tkun nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju, bis-suġġett "Il-Knisja x'tip ta' esperjenza?". Jippresiedi l-Prof. Busuttil. Jieħdu sehem Prof. Irene Sciriha, Godfrey Grima u Dr. Joe Mifsud. It-tielet laqgħa se ssir nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju, bis-suġġett "Quo Vadis Malta?". F'din il-laqgħa, Dr. Georg Sapiano jintervista lill-Prof. Oliver Friggieri.

8 ta' Mejju 2007

## Ċelebrazzjoni Ekumenika f'Pentekoste

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Għid il-Ħamsin (Pentekoste), il-Kunsill Ekumeniku ta' Malta qed jorganizza ċelebrazzjoni, bl-isem "Stir Us, Free Us", maħsuba biex tiġbor għal talb flimkien insara minn Knejjes differenti li jgħixu f'Malta.

Iċ-ċelebrazzjoni, li se tkun miftuħa għal kulħadd, se ssir nhar it-Tnejn, 21 ta' Mejju 2007, mis-6.00 p.m. sas-7.30 p.m., fil-Pro-Kattidral Anglikan ta' San Pawl, Valletta.

Il-predikaturi f'din iċ-ċelebrazzjoni se jkunu Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., Fr. Tom Mendel SSC miċ-Church of England, u Rev. David Morris mic-Chirch of Scotland/Metodist.

Is-solennità ta' Għid il-Ħamsin tfakkar meta l-Appostli rċievew id-don ta' l-Ispirtu s-Santu u ħarġu jxandru l-Evanġelju.

11 ta' Mejju 2007

## Irreġistraw 5,000 pellegrin

Huma 5,000 il-pellegrini li rreġistraw it-talba tagħhom mal-Kumitat Organizzattiv Malti biex jiksbu biljett għall-funzjoni tal-Kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca fil-Vatikan.

Iż-żmien għar-reġistrazzjoni kien sa l-aħħar ta' April 2007. Kull min ireġistra sa tmiem April huwa assigurat minn post bilqiegħda waqt il-funzjoni tal-Kanonizzazzjoni, f'ċelebrazzjoni li l-Papa Benedittu XVI se jmexxi quddiem il-Bażilika ta' San Pietru, f'Ruma, nhar il-Ħadd, 3 ta' Ġunju 2007.

Il-biljetti għall-parteċipazzjoni fiċ-ċelelebrazzjoni tal-Kanonizzazzjoni se jkunu jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju Liturġija, Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, kif ġej: fil-21, 22, 23, 24 u 25 ta' Mejju, mit-8.30 a.m. sa nofsinhar, u mill-4.30 p.m. sas-7.00 p.m.. Fil-każ ta' Għawdex, il-biljetti jkunu jistgħu jinkisbu mill-Kurja ta' l-Isqof, Victoria, nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar. Mill-istess postijiet u fl-istess jiem u ħin, il-pellegrini Maltin u Għawdxin se jkunu jistgħu jiksbu pakkett li jinkludi beritta, xalla, *badge* u ktejjeb. Il-prezz tal-pakkett ġie rivedut u tniżżel għal Lm2 peress li l-ktejjeb qed jiġi sponsorjat mill- kumpannija lokali *Michele Peresso.*

Il-pellegrini li bbukkjaw il-mawra tagħhom f'Ruma, għal din l-okkażjoni, ma' aġent ta' l-ivvjaġġar għandhom jiksbu l-biljett u l-pakkett mingħand l-aġent li bbukkjaw miegħu, waqt il-laqgħa li l-aġenzija torganizza għalihom. L-organizzaturi qed jenfasizzaw il-bżonn li l-pellegrini Maltin ikollhom distintiv. Il-beritta, ix-xalla u l-*badge* saru apposta biex ikunu d-distintiv meħtieġ.

Il-kejjeb ta' talb li se jkollhom il-pellegrini mill-gżejjer Maltin huwa għaċ-ċelebrazzjonijiet li se jsiru f'Ruma u f'Malta fl-okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca. Il-ktieb taċ-ċerimonja

tal-Kanonizzazzjoni nnifisha jinħareġ mill-Vatikan stess dakinhar tal-Kanonizzazzjoni.

Il-ktejjeb għandu jinżamm kemm għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-pellegrini Maltin f'Ruma kif ukoll għaċ-ċelebrazzjoni li se ssir f'Malta stess fis-7 ta' Ġunju. F'Ruma, se isiru tliet ċelebrazzjonijiet marbutin mal-Kanonizzazzjoni: is-Sibt, 2 ta' Ġunju, Lejlet il-Kanonizzazzjoni, issir Velja ta' Talb; il-Ħadd, 3 ta' Ġunju, ikun Jum il-Kanonizzazzjoni; l-għada, it-Tnejn 4 ta' Ġunju, issir Quddiesa ta' Ringrazzjament.

Għal dawk li se jkunu Ruma, il-biljetti se jkunu jistgħu jinġabru minn uffiċċju apposta f'dan l-indirizz: Kunvent tal-Patrijiet Teatini, Piazza Vidone, 6, Corso Vittorio Emanuele, qrib il-Knisja ta' Sant'Andrea delle Valle. Dan l-uffiċċju se jkun miftuħ fil-31 ta' Mejju kif ukoll fl-1 u t-2 ta' Ġunju, mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-4.00 p.m. sas-7.30 p.m.

Il-Quddiesa tal-Kanonizzazzjoni tibda fl-10.00 a.m. L-aċċess għan-nies bil-biljett, li jkun bla ħlas, jibda fit-8.00 a.m.

14 ta' Mejju 2007

Kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca

## Qrar f'Ruma għall-pellegrini Maltin

Il-pellegrini Maltin li se jmorru Ruma għall-kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca se jkunu jistgħu jagħmlu użu minn servizz ta' qrar minn saċerdoti Maltin li nhar is-Sibt, 2 ta' Ġunju 2007, filgħodu, se jkunu qegħdin fil-Knisja ta' Sant'Andrea delle Valle, f'Corso Vittorio Emanuele.

Mal-faċċata ta' din il-knisja fil-qalba ta' Ruma se jkun hemm ukoll arazz tal-Beatu Ġorġ Preca.

Għall-kanonizzazzjoni se jkun hemm Ruma mal-190 saċerdot minn Malta u Għawdex. Waqt iċ-ċerimonja tal-kanonizzazzjoni, dawn is-saċerdoti se jkunu mqassmin fi tliet gruppi. Grupp minnhom se jkunu fil-Kappella Papali, grupp ieħor se jkun f'post riservat apposta għal saċerdoti li jkunu se jqassmu l-Ewkaristija, waqt li t-tielet grupp ikunu mal-poplu.

Mal-Papa mistennija jikkonċelebraw Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., Mons. Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca u Mons. Isqof Mario Grech.

16 ta' Mejju 2007

## Ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' Għid il-Ħamsin

Iċ-ċelebrazzjoni djoċesana tal-Vġili ta' Għid il-Ħamsin (Pentekoste) din is-sena se ssir nhar is-Sibt, 26 ta' Mejju, fi Triq Tumas Fenech, fin-naħa ta' wara tal-Bażilika ta' Sant'Elena, Birkirkara, fis-7.30 p.m.

Is-solennità ta' Għid il-Ħamsin tfakkar meta l-Knisja, fil-bidu tagħha, irċeviet id-don ta' l-Ispirtu s-Santu u ħarġet ixxandar l-Evanġelju. Il-Knisja tħeġġeġ lill-Insara biex, fil-Vġili ta' Għid il-Ħamsin, jingabru flimkien f'ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr lill-Mulej Alla, li permezz ta' l-Ispirtu Tiegħu qed ikompli jġedded il-Knisja. Din is-sena, dan qed jintwera bil-kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca, li se ssir nhar il-Ħadd, 3 ta' Ġunju 2007.

Iċ-ċelebrazzjoni ta' din is-sena, li se tkun immexxija minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., se tkun Velja ta' Talb, bil-Quddiesa, bi tħejjija għall-kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ.

Ċelebrazzjoni simili se ssir ukoll fi Pjazza San Ġorġ, Rabat, Għawdex.

21 ta' Mejju 2007

## Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għall-Maltin f'Londra

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. aċċetta stedina ta' Dr Michael Refalo, Kummissarju Għoli għal Malta fir-Renju Unit, biex nhar is-Sibt, 9 ta' Ġunju 2007 iżur Londra, fejn fl-okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca, li se ssir f'Ruma sitt ijiem qabel, jiċċelebra Quddiesa b'Turija ta' Ferħ u Radd il-Ħajr lil Alla, fil-Kattidral ta' Westminster.

Għall-Quddiesa, li se ssir fid-9 ta' Ġunju stess fit-3.30 ta' wara nofsinhar, hija mistiedna l-komunità Maltija fl-Ingilterra.

Fil-Quddiesa se jieħdu sehem in-Nunzju Appostoliku f'Londra, Monsinjur Arċisqof Faustino Sainz Munoz, kif ukoll qassisin u patrijiet Maltin li bħalissa qed jaqdu s-servizz pastorali tagħhom fir-Renju Unit.

Wara l-Quddiesa, Mons. Arċisqof Cremona se jżur is-sala tal-Kattidral ta' Westminster, fejn jiltaqa' mal-mexxejja ta' l-għaqdiet u l-komunità Maltija.

23 ta' Mejju 2007

## Saċerdoti żgħażagħ jiltaqgħu ma' l-Arċisqof

Madwar 30 saċerdoti żgħażagħ kellhom laqgħa ta' djalogu ma' Mons. Arcisqof Pawl Cremona O.P.

Il-laqgħa, li ġiet organizzata mill-Kummissjoni Saċerdoti Żgħażagħ, li tirrappreżenta saċerdoti li qaddsu dawn l-aħħar 15-il sena, saret nhar l-Erbgħa, 23 ta' Mejju 2007, fil-Kunvent tas-Sorijiet ta' San Ġużepp ta' l-Apparizzjoni, ir-Rabat.

L-iskop tal-laqgħa kien biex tissaħħaħ ir-relazzjoni tas-saċerdoti żgħażagħ ma' Mons. Arċisqof.

Fil-laqgħa ġie ppreżentat memorandum dwar aspetti (*concerns*) li joħorġu mill-esperjenza personali tas-saċerdoti bħala saċerdoti, u wkoll mill-aspett pastorali.

Il-punti bażiċi tal-memorandum dwar il-qasam pastorali jittrattaw ir-relazzjoni tas-saċerdot ma' l-Isqof, is-saċerdot u l-amministrazzjoni, u l-ħidma tas-saċerdot fost il-poplu.

Wara l-preżentazzjoni tal-memorandum is-saċerdoti kellhom djalogu dwaru ma' Mons. Arċisqof.

Il-laqgħa ngħalqet b'ikla tas-saċerdoti żgħażagħ ma' l-Arċisqof.

24 ta' Mejju 2007

## Ċelebrazzjoni f'Malta u Għawdex wara l-Kanonizzazzjoni

Il-Kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca se tkun ċelebrata f'Malta u Għawdex b'attivitajiet li fil-qofol tagħhom se jkun hemm ċelebrazzjoni fuq Il-Fosos tal-Floriana, immexxija minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., nhar il-Ħamis filgħaxija, 7 ta' Ġunju 2007.

L-ewwel attività fil-gżejjer Maltin wara l-Kanonizzazzjoni se tkun l-espożizzjoni tar-relikwija tal-Qaddis għall-venerazzjoni tal-poplu, hekk kif tinġieb lura fil-gżejjer Maltin – l-ewwel f'Għawdex u mbagħad f'Malta. Ir-relikwija, li tikkonsisti f'demm tal-Qaddis f'tubu żgħir tal-ħġieġ, se tittieħed Ruma, għall-Kanonizzazzjoni, minn Mons. Arċisqof Cremona. Ir-relikwija tinġieb lura minn Mons. Isqof Mario Grech nhar it-Tlieta, 5 ta' Ġunju. Dakinhar stess, ir-relikwija titteħed Għawdex. Fit-3.30 p.m., ir-relikwija tasal il-Port ta' l-Imġarr. Fis-6.00 p.m., isir Korteo bir-relikwija, mill-Bażilika ta' San Ġorġ sal-Kattidral, Victoria. Fis-7.00 p.m. fil-Kattidral tibda Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof Grech.

Ir-relikwija tasal Malta nhar l-Erbgħa, 6 ta' Ġunju 2007, fis-6.00 p.m. Dakinhar, issir proċessjoni minn ħdejn il-Knisja tal-Vitorja (Kastilja) Valletta, għall-KonKattidral ta' San Ġwann, fejn isir Għasar. Ir-relikwija tibqa' fil-KonKattidral għall-qima tan-nies sa l-għada, il-Ħamis filgħaxija (mid-9.00 a.m. sas-6.00 p.m.). Il-Ħamis, 7 ta' Ġunju, 2007, fis-7.00p. m., ir-relikwija tinġarr fi proċessjoni mill-KonKattidral sa fuq Il-Fosos tal-Floriana, fejn fis-7.30 p.m. tibda Quddiesa. Wara ċ-ċelebrazzjoni, ir-relikwija tittieħed il-Kappella tal-MUSEUM, fi Blata l-Bajda.

Il-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2007, fis-7.30 p.m., ir-relikwija tittieħed mill-Kappella tal-MUSEUM għall-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu, il-Ħamrun, il-post oriġinali tagħha għal ħafna snin.

25 ta' Mejju 2007

# Kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca

## Dikjarazzjoni dwar relikwiji

Fil-Kurja ta' l-Arċisqof waslu rapporti li xi nies qed ibiegħu santi tal-Beatu Ġorġ Preca li, skond huma, kienu messewhom mal-korp qaddis ta' Dun Ġorġ.

Il-Kurja ta' l-Arċisqof tfakkar li, f'dikjarazzjoni maħruġa fit-12 ta' Marzu 2007, il-Postulatur tal-Kanonizazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca, Monsinjur Charles J. Scicluna, bi ftehim mas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, MUSEUM u mal-Kurja ta' l-Arcisqof, ġie avżat li mhu se jsir l-ebda ġbir pubbliku ta' flus għall-ispejjeż tal-Kanonizazzjoni tal-Beatu Gorg Preca.

Hu enfasizzat li kull relikwija awtentika u vera ta' Dun Ġorġ tista' titqassam biss mill-Knisja jew mis-Soċjetà MUSEUM, u kollha jitqassmu b'xejn.

28 ta' Mejju 2007

## Tagħrif dwar is-Sehem Malti

Iċ-Ċerimonja tal-Kanonizzazzjoni għandha żewġ taqsimiet prinċipali: il-preparazzjoni, u (b) iċ-ċelebrazzjoni tal-Kanonizzazzjoni u tal-Ewkaristija

Waqt il-preparazzjoni, fl-ewwel taqsima li tittratta lil Dun Ġorġ Preca, se jinqraw sitt (6) siltiet mill-kitba ta' Dun Ġorġ. Bil-Malti jaqra s-Sur Emmanuel Curmi (Soċju tal-MUSEUM Malti), bl-Ingliż is-Sur Joe Kielnerowski (Soċju tal-MUSEUM minn South Australia) u bit-Taljan is-Sinjorina Pauline Grech (Soċja tal-MUSEUM minn Għawdex).

Il-kant tul din il-preparazzjoni se jkun immexxi mill-Kor MUSEUM, magħmul minn 50 element, irġiel u nisa, membri tal-MUSEUM. Il-kant jinkludi innu ta' tifħir lil Alla (Deus Noster) miktub minn Dun Ġorġ Preca, tislima lill-Papa (Salve Papa Noster) ukoll miktuba minn Dun Gorg Preca u tislima li l-Knisja tagħti lil Dun Gorġ Preca (Salve Beate Giorgi). Din hija l-unika darba li jitkanta l-kliem "Salve Beate Giorgi" għaliex minn wara l-Kanonizzazzjoni 'l hemm il-kliem imbagħad ikun "Salve Sancte Giorgi".

Fil-mument li fih il-Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin jitlob lill-Qdusija Tiegħu l-Papa biex jiddikjara bħala Qaddisin lill-erba' Beati li tagħhom tkun qed issir il-Kanonizzazzjoni, jakkumpanjah, flimkien mat-tliet Postulatori l-oħra, Mons. Charles J. Scicluna, il-Postulatur tal-Kawża ta' Dun Gorġ Preca.

Imbagħad, meta r-relikwi tal-Qaddisin ġodda jitressqu u jitqegħdu fuq l-altar, Dun Pawl Fenech, Kappillan tal-Parroċċa San Gejtanu (Ħamrun) iwassal l-ostensorju bil-fjal li fih demm ta' Dun Ġorġ, flimkien mas-Soċi tal-MUSEUM Christopher Cutajar mis-Siġġiewi u Marisa Micallef minn Ħal Għaxaq.

Il-Vanġelu fil-Quddiesa jitkanta mid-Djaknu Malti Dun Mario Mangion.

Waqt l-offertorju tal-Quddiesa, iwasslu l-offerti lill-Papa s-Superjuri Ġenerali tal-MUSEUM, is-Sur Victor Delicata u s-Sinjorina Phyllis Falzon, flimkien mas-Sur Amadeo Preca, dixxendent ta' hu Dun Ġorġ Preca li kien jismu wkoll Amadeo.
Il-Konċelebranti Maltin fil-Quddiesa tal-Kanonizzazzjoni se jkunu:
l-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima, Mons Pawl Cremona OP, Arċisqof ta' Malta;
l-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima, Mons Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta Emeritu;
l-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima, Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex;
ir-Reverendissimu Patri Joseph Chalmers, Prijur Ġenerali tal-Ordni Karmelitan;
ir-Reverendissimu Mons Lawrenz Gatt, Assistant Ekkleżjastiku tal-MUSEUM f'Malta;
ir-Reverendissimu Mons Salv Borg, Assistent Ekkleżjastiku tal-MUSEUM f'Għawdex;
ir-Reverendu Charles Gauci, Assistent Ekkleżjastiku tal-MUSEUM f'South Australia;
ir-Reverendissimu Mons Arthur Said Pullicino, Delegat tal-Arċisqof għall-Kawża ta' Dun Ġorġ;
ir-Reverendissimu Mons Giuseppe Fenech, Vici Postulatur:
ir-Reverendissimu Mons Vincent Deguara, Direttur Spiritwali tas-Seminarju.

Ħamsin (50) saċerdot Malti u Għawdxi se jkunu fost is-saċerdoti li se jiddistribwixxu l-Ewkaristija.

Żewġ (2) seminaristi Maltin (Nicholas Doublet u Michael Zammit) u żewġ (2) Seminaristi Għawdxin (Max Grech u Francesco Pio Attard) se jkunu fost dawk li jagħmlu s-servizz liturġiku.

Is-seminaristi l-oħra u madwar 100 saċerdot Malti u Għawdxi se jkunu fil-Cappella Papale (is-sezzjoni tal-Kongregazzjoni għall-Kardinali, Isqfijiet, Prelati, Monsinjuri u Uffiċjali tal-Kurja Rumana li jiffurmaw il-familja Pontifiċja, flimkien ma' oħrajn ammessi f'din is-sezzjoni).

Il-pjaneta li l-Qdusija Tiegħu, il-Papa Benedittu XVI, se jilbes waqt il-funzjoni tal-Kanonizzazzjoni hija rigal tas-Soċjetà tal-MUSEUM.

It-tliet Beati l-oħrajn li se jiġu kanonizzati ma' Dun Ġorġ nhar il-Ħadd li ġej huma:

- SIMONE DE LIPNICA, saċerdot ta' l-Ordni tal-Franġiskan Minuri - POLLAKK.

- CARLO DI SANT'ANDREA, saċerdot tal-Kongregazzjoni tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu - OLANDIŻ, kien jgħix l-Irlanda.

- MARIA EUGENIA DI GESÙ - fundatriċi ta' l-Istitut tas-Sorijiet ta' l-Annunzjazzjoni tal-Beata Verġni Marija - FRANĊIŻA.

## L-Arċisqof mal-Maltin f'Londra

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. il-bieraħ, is-Sibt, 9 ta' Ġunju 2007 mar Londra fejn fl-okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca ċċelebra Quddiesa b'Turija ta' Ferħ u Radd il-Ħajr lil Alla, fil-Kattidral ta' Westminster. Għall-Quddiesa kienet mistiedna l-komunità Maltija fl-Ingilterra. Attendew madwar 1,500 persuna. Ma' Mons. Arċisqof ikkonċelebraw 11-il saċerdot li qed jagħtu servizz pastorali lill-komunità Maltija fl-Ingilterra, kif ukoll Mons. Mario Camilleri, is-Segretarju Privat tiegħu. In-Nunzju Appostoliku f'Londra, Monsinjur Arċisqof Faustino Sainz Munoz, assista għaċ-ċelebrazzjoni. Wara l-Quddiesa, Mons. Arċisqof Cremona żar is-sala tal-Kattidral ta' Westminster, fejn iltaqa' mal-mexxejja ta' l-għaqdiet u l-komunità Maltija. Mal-wasla tiegħu Londra, qabel iċ-ċelebrazzjoni fil-Kattidral ta' Westminster, Mons. Arċisqof iltaqa' ma' Maltin li bħalissa qegħdin Londra għal kura u li qed joqogħdu għand is-Sorijiet Franġiskani. Mons. Arċisqof mar Londra bi stedina ta' Dr. Michael Refalo, Kummissarju Għoli għal Malta fir-Renju Unit.

10 ta' Ġunju, 2007

## Dar Residenzjali f'Birkirkara għal Persuni b'diżabbilità

Dar Pirotta - Birkirkara, dar residenzjali ġdida tal-Knisja għall-persuni b'diżabilità fil-komunità, se tinfetaħ uffiċjalment nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Ġunju 2007. Id-Dar, li tinsab fi Pjazza Sant'Elena, Birkirkara, tħalliet għal dan l-iskop mill-Kan. J. Pirotta. Id-Direttur tagħha huwa Dun Charles Abela, Rappreżentant ta' l-Arċisqof fil-Kummissjoni Pastorali Persuni b'Diżabilità.

Id-Dar se tinfetaħ uffiċjalment minn Dr. Eddie Fenech Adami, President tar-Repubblika, waqt li Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. iberikha. Il-programm jibda fl-4.30 p.m. L-għada tal-ftuħ uffiċjali ta' Dar Pirotta, se ssir Festa ta' Mħabba fil-Bażilika ta' Sant'Elena. Il-programm ta' l-okkażjoni, nhar is-Sibt, 23 ta' Ġunju, 2007, jibda fis-6.30 p.m. b'Quddiesa fil-Bażilika. Il-programm ikompli fis-7.30 p.m. fuq iz-zuntier tal-knisja, bis-sehem ta' talent Karkariż.

19 ta' Ġunju 2007

## Ksib lura taċ-ċittadinanza Awstraljana

### Avviż tal-Kummissjoni Emigranti

Il-Kummissjoni Emigranti tistieden lil dawk li kienu rrinunzjaw għaċ-ċittadinanza Awstraljana ħalli jiksbu dik Maltija, biex jattendu għal waħda minn tliet laqgħat ta' tagħrif li se jsiru dwar kif din iċ-ċittadinanza tista' tinkiseb lura wara l-1 ta' Lulju ta' din is-sena. Dawn il-laqgħat se jsiru f'Dar l-Emigrant, Misraħ Kastilja, (ħdejn il-Barrakka ta' Fuq), Valletta. L-ewwel żewġ laqgħat huma ppjanati għal nhar it-Tnejn, 25 ta' Ġunju 2007, fil-11.00 a.m. u fis-6.30 p.m. It-tielet u l-aħħar laqgħa ssir il-Ħamis, 28 ta' Ġunju 2007, fil-11.00 a.m.

## Żjara ta' l-Arċisqof fl-Awstralja fl-2008

Iċ-ċelebrazzjoni tal-Festa ta' San Pietru u San Pawl fil-Kattidral, l-Imdina, tibda nhar il-Ħamis, 28 ta' Ġunju, fis-5.45 p.m., meta Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. imexxi t-Translazzjoni tar-Relikwiji ta' San Pietru u San Pawl. Fis-6.00 p.m. tibda l-Quddiesa, li tkun bl-Għasar Pontifikali.

Nhaar il-Festa, il-Ġimgħa, 29 tax-xahar, fis-7.00 a.m. ikun hemm il-Kant tat-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum. Fis-7.30 a.m. issir Proċessjoni għall-Knisja Arċipretali ta' San Pawl tar-Rabat u lura lejn il-Kattidral. Fl-9.30 a.m. Mons. Arċisqof imexxi Quddiesa Pontifikali, flimkien mal-membri tal-Kapitlu.

Filgħaxija, fil-5.00 p.m. jibda l-Għasar u ssir ir-Repożizzjoni tar-Relikwiji. Wara jkun hemm Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Fis-6.00 p.m. tibda Quddiesa.

25 ta' Ġunju 2007

## Ordinazzjoni ta' sitt saċerdoti ġodda

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., nhar il-Ħadd 1 ta' Lulju 2007, fil-KonKattidral ta' San Ġwann, Valletta, fis-6.00 p.m. se jordna bħala saċerdoti ġodda lid-djakni Rev. Manuel Camilleri SDB, Rev. Mario Mangion u Rev. Josef Mifsud (it-tnejn mis-Siġġiewi), Rev. Justin Schembri OP, Rev. Kevin Schembri (min-Naxxar), u Rev. Ivan Scicluna OFM Cap. Mons. Arċisqof se jordna wkoll lill Bro. Alfred Vassallo OCD bħala Djaknu.

Dawn id-djakni, flimkien mal-familji u l-komunitajiet reliġjużi tagħhom qed iħeġġu lil kulħadd sabiex jitlob għal aktar vokazzjonijiet, u biex il-Mulej ikompli jbierek lis-saċerdoti kollha ħalli l-Knisja ma tkun qatt nieqsa minn rgħajja skond qalbu.

Nhar is-Sibt, 30 ta' Ġunju 2007, bejn it-8.00 p.m. u d-9.00 p.m. se tiġi organizzata wkoll siegħa adorazzjoni fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, ir-Rabat, b'talb speċjali għal dawn id-djakni li se jiġu ordnati saċerdoti ġodda. Kulħadd hu mistieden jattendi.

25 ta' Ġunju 2007

## L-Arċisqof se jirċievi l-Pallium mingħand il-Papa

Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P. nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Ġunju 2007 se jkun fost numru ta' Arċisqfijiet Metropolitani ġodda li se jirċievu l-pallium mingħand il-Papa Benedittu XVI, waqt ċelebrazzjoni Ewkaristika fil-Vatikan fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Pietru u San Pawl.

Il-pallium hu bħal faxxa wiesgħa xi ħames ċentimetri, magħmula minn suf fin ħafna, li jintlibes madwar l-għonq. Ikollu wkoll żewġ pendenti, xi tletin ċentimetru fit-tul, wieħed fuq quddiem u l-ieħor fuq wara. Dawn iż-żewġ pendenti jżommu stirati 'l isfel b'żewġ biċċiet żgħar taċ-ċomb li jkunu miksijin b'ħarir iswed.

Fuq il-pallium ikun hemm irrakkmati sitt islaleb suwed – wieħed quddiem, ieħor fuq wara, wieħed fuq in-naħa ta' l-ispalla tal-lemin u l-ieħor fuq tax-xellug, u salib fuq kull pendent. Is-salib ta' quddiem, ta' wara u ta' l-ispalla tax-xellug ikollhom bħal ħolqa mill-istess ħajt biex iżommu tliet labriet tad-deheb li jissejħu *spinulae*.

Il-pallium jintlibes mill-Arċisqfijiet bħala simbolu tal-komunjoni ġerarkika tagħhom mas-Suċċessur ta' San Pietru fit-tmexxija tal-Poplu ta' Alla. Il-pallium huwa magħmul mis-suf tan-nagħaġ bħala simbolu ta' Ġesù Kristu, il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja u r-Ragħaj it-Tajjeb li jgħasses dejjem fuq il-merħla għażiża tiegħu. Il-pallium ifakkar lill-Isqfijiet, bħala Vigarji ta' Kristu fil-Knejjes lokali tagħhom, li huma għandhom is-sejħa li jkunu ragħajja skond il-Qalb ta' Ġesù.

25 ta' Ġunju 2007

## Lista ta' l-Arċisqfijiet li se jirċievu l-Pallju mill-QT il-Papa Benedittu XVI, nhar il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju 2007 waqt il-Quddiesa tal-Festa ta' San Pietru u San Pawl

1. L-E.T. Jose Antonio Eguren Anselmi S.V.C., of Piura, Peru.
2. L-E.T. Robert Le Gall O.S.B., of Toulouse, France.
3. L-E.T. Dominic Lumon of Imphal, India.
4. L-E.T. Douglas Young S.V.D., of Mount Hagen, Papua New Guinea.
5. L-E.T. Barthelemy Djabla of Gagnoa, Ivory Coast.
6. L-E.T. Cyprian Kizito Lwanga of Kampala, Uganda.
7. L-E.T. Angelo Bagnasco of Genoa, Italy.
8. L-E.T. Paul-Simeon Ahouanan Djro O.F.M., of Bouake, Cote d'Ivoire.
9. L-E.T. Oswald Gracias of Bombay, India.
10. L-E.T. Javier Augusto del Rio Alba of Arequipa, Peru.
11. L-E.T. Edward Ozorowski of Bialystok, Poland.
12. L-E.T. Romulo Geolina Valles of Zamboanga, Philippines.
13. L-E.T. Calogero La Piana S.D.B., of Messina-Lipari-Santa Lucia del Mela, Italy.
14. L-E.T. Antonio Muniz Fernandes O. Carm., of Maceio, Brazil.
15. L-E.T. Rafael Romo Munoz of Tijuana, Mexico.
16. L-E.T. Jose Guadalupe Martin Rabago of Leon, Mexico.
17. L-E.T. Pedro Aranda Diaz-Munoz of Tulancingo, Mexico.
18. L-E.T. Rogelio Cabrera Lopez of Tuxtla Gutierrez, Mexico.
19. L-E.T. Evariste Ngoyagoye of Bujumbura, Burundi.
20. L-E.T. Filipe Neri Antonio Sebastiao do Rosario Ferrao of Goa and Damao, India.
21. L-E.T. Paul R. Ruzoka of Tabora, Tanzania.
22. L-E.T. Gerard Pettipas C.Ss.R., of Grouard-McLennan, Canada.
23. L-E.T. Paul Cremona O.P., of Malta, Malta.
24. L-E.T. Marcel Madila Basanguka of Kananga, Democratic Republic of the Congo.
25. L-E.T. Thomas Christopher Collins of Toronto, Canada.
26. L-E.T. Paolo Romeo of Palermo, Italy.
27. L-E.T. Ricardo Ezzati Andrello S.D.B., of Concepcion, Chile.

28. L-E.T. Orlando Antonio Corrales Garcia of Santa Fe de Antioquia, Colombia.
29. L-E.T. Jose Alberto Moura C.S.S., of Montes Claros, Brazil.
30. L-E.T. Dionisio Guillermo Garcia Ibanez of Santiago de Cuba, Cuba.
31. L-E.T. Albert D'Souza of Agra, India.
32. L-E.T. Kazimierz Nycz of Warsaw, Poland.
33. L-E.T. Csaba Ternyak of Eger, Hungary.
34. L-E.T. Odilo Pedro Scherer of Sao Paulo, Brazil.
35. L-E.T. Richard William Smith of Edmonton, Canada.
36. L-E.T. Pierre d'Ornellas of Rennes, France.
37. L-E.T. Reinaldo Del Prette Lissot of Valencia en Venezuela, Venezuela.
38. L-E.T. Hipolito Reyes Larios of Jalapa, Mexico.
39. L-E.T. Geraldo Lyrio Rocha of Mariana, Brazil.
40. L-E.T. Oscar Julio Vian Morales S.D.B., of Los Altos, Quetzaltenango- Tontonicapan, Guatemala.
41. L-E.T. Terrence Thomas Prendergast S.J., of Ottawa, Canada.
42. L-E.T. Joao Bosco Oliver de Faria of Diamantina, Brazil.
43. L-E.T. Brendan Michael O'Brien of Kingston, Canada.
44. L-E.T. Buti Joseph Tlhagale O.M.I. of Johannesburg, South Africa.
45. L-E.T. Joseph Edward Kurtz of Louisville, U.S.A.
46. L-E.T. Leo Cornelio S.V.D., of Bhopal, India.

Barra minn dawn, hemm 5 Arċisfijiet li se jirċievu l-Pallju fis-Sede rispettiva tagħhom:

47. L-E.T. Telesphore George Mpundu of Lusaka, Zambia.
48. L-E.T. John Choi Young-su of Daegu, Korea.
49. L-E.T. Vincentius Sensi Potokota of Ende, Indonesia.
50. L-E.T. Denis Komivi Amuzu-Dzakpah of Lome, Togo.
51. L-E.T. Denis Kiwanuka Lote of Tororo, Uganda.

## Festa tal-Beatu Nazju Falzon

Il-Festa tal-Beatu Nazju Falzon din is-sena se tiġi ċelebrata nhar is-Sibt, 30 ta' Ġunju.

Fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, Ta' Giezu, fejn kien midfun u hi venerata l-Urna bil-fdalijiet tal-Beatu Nazju Falzon, il-ħinijiet tal-Quddies ikunu kif ġej: fis-7.15a.m., fl-10.00a.m. bis-sehem tal-membri tal-Catholic Enquiry Centre, u fil-11.00a.m. Fis-6.15p.m. tiġi ċelebrata Quddiesa, bl-omelija. Wara kull Quddiesa jsir talb għall-morda quddiem l-urna bil-fdalijiet tal-Beatu Nazju Falzon.

Fil-Knisja Tal-Ġiżwiti, Valletta, il-knisja li fiha l-Beatu Nazju Falzon waqqaf "Kongregazzjoni" għall-membri tas-Servizzi u ħejja għall-Magħmudija fuq 650 persuna, il-ħinijiet tal-Quddies ikunu fis-6.30a.m., 7.30a.m., fl-10.00a.m. bis-sehem ta' xi membri u ex-membri tas-Servizzi. F'nofsinhar issir Quddiesa għall-Kattoliċi li jitkellmu bl-Ingliż u għall-Maltin miżżewġin ma' Barranin.

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Lulju, ir-relikwja tal-Beatu Nazju Falzon, tkun esposta għall-qima tal-morda fl-Isptar San Luqa.

26 ta' Ġunju 2007

**ikompli mill-qoxra ta' barra**

## STQARRIJIET OĦRA MILL-KURJA


Flimkien għall-Ewropa fi Struttgart ....340
Laqgħa ta' l-Arċisqof ma' l-ommijiet ta' missjunarji ....341
Ministeru tal-Lettorat għal ħames seminaristi ....341
Se jibdew id-"Djalogi fis-Soċjetà" ....342
Ċelebrazzjoni Ekumenika f'Pentekoste ....343
5,000 Pellegrin għall-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca ....344
Qrar f'Ruma għall-Pellgrini Maltin ....346
Ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' Għid il-Ħamsin ....347
Quddiesa mill-Arċisqof għall-Maltin f'Londra ....348
Saċerdoti Żgħażagħ jiltaqgħu ma' l-Arċisqof ....349
Ċelebrazzjonijiet marbuta mal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca ....350
Dikjarazzjoni dwar Relikwiji ....351
Tagħrif dwar is-seham tal-Maltin għall-Kanonizzazzjoni ....352
L-Arċisqof iqaddes għall-Maltin f'Londra ....355
Dar residenzjali f'Birkirkara għal Persuni b'diżabilità ....356
Ksib lura taċ-ċittadinanza Awstraljana - Avviż tal-Kummissjoni Emigranti ....356
Festa ta' San Pietru u San Pawl fil-Kattidral ....357
Ordinazzjoni ta' sitt saċerdoti ġodda ....358
L-Arċisqof se jirċievi l-Pallium mingħand il-Papa ....359
Lista ta' l-Aċisfjiet li se jirċievu l-Pallium mingħand il-Papa fid-29 ta' Ġunju 2007 ....360
Festa tal-Beatu Nazju Falzon ....362

# WERREJ

## MILL-KNISJA UNIVERSALI


Homily of His Holiness Pope Benedict during the Ordintaion of new priets for the Diocese of Rome ..... 283
Messaġġ tal-Papa għal Jum il-Komunikazzjoni Soċjali - 20 ta' Mejju 2007 ..... 287
Eucharistic concelebration for the Canonization of Four Blesseds ... 291
Address of his Holiness Benedict XVI to the Partecipants in the eighteenth General Assembly of Caritas Internationals ..... 296


## DOKUMENTI MILL-KURJA


Jum Dinji tal-Komunikazzjoni Soċjali - Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof - 18 ta' Mejju, 2007 ..... 299
Ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' Għid il-Ħamsin - Omelija ta' Monsijur Arċisqof - 26 ta' Mejju, 2007 ..... 303
Ittra Pastorali fl-okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca - 9 ta' Mejju, 2007 ..... 308
Ċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr għall-Kanonizzazzjoni ta' San Ġorġ Preca - 7 ta' Ġunju, 2007 ..... 312
"Il-Ħajja Umana tiġi l-ewwel" - Stqarrija ta' l-Isqfijiet dwar is-sitwazzjoni ta' l-immigranti llegali 11 ta' Ġunju, 2007 ..... 317
Jum il-Familja 2007 - Messaġġ tal-Kummissjoni Djoċesana Familja - 11 ta' Mejju, 2007 ..... 319
Azzjoni mill-Knisja dwar it-tibdil fil-klima - Stqarrija tal-Kummissjoni Ambjent - 11 ta' Mejju, 2007 ..... 320
Wirt komuni - Responsabbiltà komuni - Stqarrija tal-Kummisjoni Ambjent - 11 ta' Mejju, 2007 ..... 323
Park għall-ambjent u l-Istorja flok korsa tal-golf - Stqarrija tal-Kummissjoni Ambjent - 14 ta' Mejju, 2007 ..... 325
L-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar u l-Bojkott - Stqarrija tal-Kummissjoni Ambejnt - 13 ta' Ġunju, 2007 ..... 326
It-traġedja ta' l-immigranti fil-baħar - Stqarrija tal-Kummissjoni Emigranti ..... 328
Jum ir-Refuġjati - Stqarrija tal-Kummissjoni Emigranti ..... 329
Solidarjetà mal-ħaddiema ssensjati u l-familji tagħhom - Stqarrija tal-Kummissjoni ġustizzja u Paċi u l-Kummissjoni Pastorali fid-Dinja tax-Xogħol ..... 331
Il-Pallium ta' l-Arċisqfijiet - Dun Jesmond Manicaro ..... 333
Ċirkolari Nru 8 - Ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' Għid il-Ħamsin 14 ta' Mejju, 2007 ..... 337
Ċirkolari Nru 9 - L-Għoti tal-Pallium ..... 338
Ċirkolari Nru 10 - Offerta għall-Papa ..... 339


**ikompli fil-qoxra ta' ġewwa**

Xbieha tal-Madonna maħdum mis-sufarini maħruqa minn Saviour Bugeja mill-Imtarfa